FRAR 2008 – IT-28 SENA – GHADD 277 – NEWSPAPER POST – IISN 1811-5373

# dawlFranġiskan

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN




## *150 Sena*

## MID-DEHRIET TAL-MADONNA F'LOURDES

















3 **Il-Gżira kien jisimha... Malta**
Editorjal

4 **Ġona f'żaqq il-ħuta**
minn P. Donat Spiteri OFMCap

6 **Teleskopju fuq il-Ħajja**
minn P. William Axiaq OFMCap

8 **Unjoni *de facto* u iktar...**
minn Joe Flask

10 **Missjoni**

12 **Novolla**
minn Emily Barbaro-Sant

14 **OFS - Il-pellegrinaġġ tiegħi ma' Franġisku u Klara ta' Assisi**
minn Joyce Zammit

15 **OFS - It-TAW II**
minn Fr Godfrey Zarb OFMCap

16 **Il-Kapuċċini f'Malta II**
minn Winston L. Zammit B.A. (Hons), P.G.C.E., M.A.

18 **Okkult**
minn Fr Franco Fenech OFMCap

19 **It-Tarka u x-Xabla**
minn Dr Tonio Piscopo MD, MRCP (UK), DTM&H (Lond.)

20 **Ambjent**
minn Dr Charles Galdes PhD

21 **Ġustizzja - L-Elezzjoni magħna! I**
minn Dr Mark Anthony Mifsud Cutajar LL.D

22 **Tweġiba**
minn P. William Axiaq OFMCap

23 **Poeżija**

24 **L-ewwel Kappillani fl-isptar Mater Dei**

25 **Gi.FRA - Ismi mnaqqax f'idejh**
minn Aaron Fenech

26 **Vokazzjonali**
minn Br Dennis Calleja OFMCap

27 **Pietru - Xhieda ħajja li l-fidi mhix xi marċ trijunfali**
minn Harry Agius ordway

28 **Il-Bolol ta' Malta (4)**
minn Tony C Cutajar

29 **Poeżija**

30 **Kompetizzjonijiet**
minn P. Wistin Attard OFMCap

31 **Is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-xogħol (4)**
minn Martin Bugeja


**Ħlas ta' l-Abbonament: €9.32 (Lm4.00) fis-sena.**
Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur:
**Ċentru Missjoni Kapuċċini, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN1211**



*Qoxra:*
**Il-Madonna ta' Lourdes**
***150 Anniversarju mid-dehriet lil Bernardetta Soubirous***


**BORD EDITORJALI**

**Editur**
Leonard Falzon OFMCap

**Amministratur**
Crispin Tabone OFMCap

**Distributur**
Dorian Holland OFS

**Membri**
Frans Abela Giusti OFMCap
Wistin Attard OFMCap
Martin Micallef OFMCap



**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - FRN1211
Tel: 2123 3874/2122 5525/2123 4949
e-mail: leofalzon@waldonet.net.mt

ISSN 1811-5373

**DISINN U LAYOUT**
Robert Tabone
Mob: 9947 3763

**MITBUGĦ**
Gutenberg Press Ltd.
Tel: 2189 7037


*Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.*


© Dawl Franġiskan 2008
Publikazzjoni Franġiskani Kapuċċini



# "IL-GŻIRA KIEN JISIMHA... MALTA"

**Dan il-vers famuż għalina l-Maltin jiftaħ il-kapitlu 28 tal-ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli. Ilkoll nitfakru kemm ċapċapna għal dan il-vers meta seba' snin ilu kellna fostna lill-Papa Ġwanni Pawlu II fl-okkażjoni tal-beatifikazzjoni tat-tliet beati Maltin. Qisna ridna nikkovinċu ruħna li aħna l-Maltin tassew nilqgħu lill-barranin speċjalment lil dawk li jgħaddu minn xi burraxka bħalma għaddew minnha San Pawlu u sħabu.**

San Luqa jagħti deskrizzjoni sabiħa tal-karattru Malti. **"In-nies tagħha ġiebu ruħhom magħna bi ħlewwa liema bħalha. Laqgħuna tajjeb lilna lkoll..."** (Atti 28:2). Għalkemm klenu paganl, Il-Maltln għexu l-Kelma ta' Alla li dejjem tħeġġeġ biex il-barrani, iktar u iktar lil dak li jkun qed ibati, jiġi milqugħ bl-imħabba. **"La taħqarx il-barrani, u la tgħakksux, għax intom ukoll kontu barranin fl-art ta' l-Eġittu"** (Eż 22:20). **"Taħqarx il-barrani; int taf xi jħoss il-barrani; għax int kont fl-art ta' l-Eġittu"** (Eż 23:9).

It-Testment il-Ġdid jagħti importanza kbira lil din il-virtù għax jistqarr li min jilqa' lill-barranin ikun qed jilqa' lill-Mulej. Hekk jgħid is-Sultan lil dawk fuq il-lemin tiegħu: **"Kont barrani u lqajtuni"** (Mt 25:35) u lil dawk ta' fuq ix-xellug jgħidilhom: **"Kont barrani u ma lqajtunix"** (Mt 25:43). Il-konsegwenzi ta' min jilqa' jew ma jilqax il-barranin huma kbar. Tax-xellug **"imorru fit-tbatija ta' dejjem u l-ġusti fil-ħajja ta' dejjem"** (Mt 25:46). Minn naħa l-oħra, l-ittra lil-Lhud tfakkarna: **"Tinsewx tilqgħu lill-barranin; minħabba f'hekk xi wħud laqgħu l-anġli bla ma kienu jafu"** (Lhud 13:2).

Bħala poplu li fil-biċċa l-kbira minna nħaddnu t-twemmin nisrani l-Kelma ta' Alla tobbligana li nuru mħabba lejn il-barranin, b'mod speċjali lejn l-emigranti llegali li qed jidħlu fi xtutna. Hija ħasra kif fostna l-Maltin hawn min waqa' għal għemejjel baxxi u mistkerrħa tar-razziżmu u l-vjolenza. Il-biża' tagħlaqna għall-imħabba u ġġagħalna naraw lil min hu fil-bżonn bħala għadu, iżjed milli bħala ħuna jew oħtna.

San Pawl kien rikonoxxenti għal-laqgħa sabiħa li tawh il-Maltin. Tgħid xi jgħid għal uħud minna għall-mod kif iġibu ruħhom ma' l-emigranti llegali fostna? Tgħid se nkunu aħna l-Maltin, in-nies li juru ħlewwa liema bħala mal-barranin, li se nġagħlu lil San Pawl jistħi bil-mod kif inġibu ruħna magħhom u kif nitkellmu fuqhom? •

# ĠONA F'ŻAQQ IL-ĦUTA



L-istorja ta' Ġona, kif inhi rrakkontata fil-ktieb li jġib ismu, hi vera jew le? Jekk mhijiex vera jew ma' ġratx tassew, kif qegħdin jgħidu x'uħud, kif nistgħu nifhmu l-kliem ta' Ġesù meta qal: "Kif Ġona għamel tlitt ijiem u tlitt iljieli f'żaqq il-ħuta, hekk ukoll Bin il-bniedem għad jagħmel tlitt ijiem u tlitt iljieli fil-qalba ta' l-art".



Biex nifhmu sewwa l messaġġ tal-Ktieb ta' Ġona, irridu l-ewwel nagħrfu sewwa l-forma letterarja tiegħu. Fil-letteratura – ta' żminijietna u tal-kulturi tagħna wkoll jeżistu kitbiet ta' karattru storiku għax jirrakkontaw l-istejjer. Imma mhux kull "storja" hi storja vera jew rakkont ta' fatti li jkunu ġraw tassew, imsaħħin b'dokumenti ta' dati, persuni u postijiet storiċi. Hemm ukoll il-forma letterarja ta' l-istejjer finti, kompożizzjonijiet letterarji ta' rakkonti maħluqa mill-awtur aktarx bl-iskop li jwassal xi messaġġ. Dawn jistgħu jkollhom ukoll elementi storiċi jew ikunu bbażati fuq xi fatti storiċi. Imma l-intenzjoni ma tkunx dik li jgħarraf lill-qarrejja b'dak li jkun ġara tassew fl-imgħoddi, iżda jkollu skop ieħor, dak li taħt il-forma ta' storja jwassal messaġġ b'tagħlima tajba għal min jaqrah. Dan hu r-rumanz didattiku, storja finta jew rakkont maħluq mill-awtur bl-iskop li jwassal xi messaġġ sabi].

Kotba ta' din ix-xorta għandna fil-Bibbja wkoll. Biex wasslilna l-kelma tiegħu Alla nqeda bil-bnedmin; dawn min-naħa tagħhom kitbu ta' bnedmin li kienu skond il-mentalità, il-kultura u l-letteratura tagħhom.



Fl-aħħar mill-aħħar mhux hekk għamel Ġesù wkoll meta kien jgħallem lin-nies bil-parabboli? Kull parabola tiegħu hi storja finta; storja ċkejkna b'tagħlima kbira. Mhijiex vera storikament, imma hi vera teoloġikament.

Hekk hu l-Ktieb ta' Ġona u l-istorja tiegħu. L-awtur, imnebbaħ minn Alla, ried iwassal messaġġ lill-poplu tiegħu Iżrael: il-messaġġ sabiħ li Alla jrid il-bnedmin kollha jsalvaw; mhux il-Lhud biss, kif kienu jaħsbu


*Il-ħitan ta' Ninwè.*

huma, imma l-pagani wkoll li jindmu u jdur lejh – għax hu **"Alla ħanin u jagħder, tqil biex jinkorla, kollu tjieba u jisgħob bih għad-deni"** (Ġona 4:2).

Il-Ktieb ta' Ġona aktarx inkiteb wara l-eżilju tal-Babilonja, xi 400 sena QK. L-awtur kitbu bi tweġiba u b'reazzjoni għall opinjoni tal Lhud sħabu li kienu jaħsbu li s-salvazzjoni ta' Alla kienet għalihom biss u li l-pagani kienu esklużi minnha. Hekk fassal din l-istorja bl-intenzjoni li jwassal il-kelma ta' Alla, li s-salvazzjoni hi għal kulħadd. Dan urieh bl-eżempju tal-konverżjoni tan-nies tal-belt pagana ta' Ninwè.

L-awtur inqeda bl-isem ta' Ġona, bin Amittaj, bħala l-protagonista tad-dramm tiegħu. Dan Ġona kien jeżisti tassew fi żmien Ġeroboġħam II, sultan ta' Iżrael, fis-snin 786-746 QK (ara 2Slat 14:25). Inqeda biss b'ismu. Imma dan ma kienx Ġona ta' din l-istorja finta, li hu wkoll persunaġġ fint.

Il-ktieb fih elementi li jgħarrfuna li l-awtur ma fehemx jikteb storja vera, fosthom l-affermazzjoni esaġerata li Ninwè hi **"belt kbira għall-aħħar, trid tlitt ijiem biex timxiha"** (3:3). L-istorja vera tgħidilna li Ninwè kienet ta' xi 12-il kilometru mad-dawra tagħha u li kienet inqerdet fis-sena 612 QK. Jiġifieri, meta nkiteb il-Ktieb ta' Ġona lanqas biss kienet għadha teżisti.

Hu fuq dan l-isfond tal-forma letterarja tal-ktieb li għandna nqiegħdu x-xena kurjuża ta' Ġona f'żaqq il-ħuta kbira għal tlitt ijiem u tlitt iljieli, jitlob bil-kalma u moħħu mistrieħ li l-Mulej se jsalvah. U salvah tassew. Għax **"il-Mulej kellem lill-ħuta, u din xeħtet lil Ġona fuq l-art"** (2:11). Alla ppermetta li l-ħuta tibla lil Ġona u żżommu f'ħaqqha qawwi u sħiħ mhux biex jikkastigah, iżda biex isalvah. U permezz tiegħu salva n-nies ta' Ninwè mid-dnub u mill-kastig li kien hemm lest għalihom (3:10).

Issa għandna d-diffikultà tal-kliem ta' Ġesù lill-Fariżej bi tweġiba għat-talb tagħhom, li jurihom sinjal b'xhieda tal-missjoni tiegħu. Ġesù tahom **"is-sinjal ta' Ġona"** (Mt 12: 39-40; 16:4 u Lq 16:22); f'Mt b'referenza għall-qawmien tiegħu mill-imwiet u f'Lq b'referenza għall-konverżjoni tal-pagni.

Ġesù tkellem skond il-mentalità u l-opinjoni popolari tal-Lhud ta' żmienu. Kienu jafu bil-Ktieb ta' Ġona u bl-"istorja" tiegħu f'żaqq il-ħuta. Il-paragun li għamel Ġesù hu biss letterarju; xebbaħ lilu nnifsu lill-figura letterarja ta' Ġona. Bħala eżempju l-figura ta' Ġona kellha qawwa biżżejjed biex għall-Fariżej tkun is-sinjal li riedu mingħand Ġesù.

Imma bil-paragun li għamel bejnu u bejn Ġona, Ġesù ma affermax il-verità storika tar-rakkont li jġib ismu, iżda wera biss il-valur profetiku u s-sens eskatoloġiku tiegħu. Il-Ktieb ta' Ġona mhuwiex storja vera, iżda hu profezija taħt il-libsa ta' storja finta.

Imma hi "vera" wkoll fil-verità li tgħallem: li Alla jistieden lill-bnedmin kollha għall-konverżjoni, biex iwassalhom għas-salvazzjoni. •



# TELESKOPJU FUQ IL-ĦAJJA

Fil-ħajja jkunu qegħdin jiġru affarijiet li bilfors trid tkun qed tgħix fl-ajru biex ma jiġbdulekx l-attenzjoni u jġagħluk tieqaf u tagħmel l-osservazzjonijiet tiegħek, biex imbagħad tperriċhom għall-ġid ta' ħafna nies. Ktibt dak li se taqra għax għaddejt minn dak li għadni kemm għedt.

## NHAR IL-BOOKING GĦALL-QUDDIESA TAT-TIEĠ



Ħafna għarajjes, speċjalment nisa, huma akkaniti fl-għażla tal-knisja għall-jum it-tieġ tagħhom. Iridu knisja skond il-gosti tagħhom. Għala le? Il-quddiesa hija taż-żwieġ tagħhom u għandhom kull dritt ikollhom knisja li tolqothom u quddiesa mill-isbaħ.

Jiena rettur ta' knisja mfittxija mill-għarajjes għaċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa tat-tieġ tagħhom. Dak li jnikkitni hu kemm għarajjes jiġu biex jibbukkjaw u jagħmlulek ruxxmata ta' mistoqsijiet dwar fjuri, tapit, orgni, ritratti, saċerdot li se jqaddsilhom, ħin, rehearsal... Domandi mbagħad fuq ħwejjeġ iżjed importanti minn hekk kważi qatt ma jagħmluhomlok.

## NISTAQSI

- L-għarajjes meta se jibdew jagħmlu ċerti mistoqsijiet pertinenti għall-okkażjoni tat-tieġ lir-retturi tal-knejjes?
- Meta se jibdew jistaqsuna nafux b'xi Għaqda li torganizza rtiri għall-għarajjes li jkunu waslu biex jiżżewġu?
- B'liema mod għandhom jippreparaw il-quddiesa tat-tieġ?
- Meta se jibdew jitolbuna appuntament ħalli jiġu jagħmlu qrara tajba, kalma u mhux tas-soltu qabel ma jiżżewġu?
- Meta se jibdew jistaqsuna kif għandhom jagħżlu huma stess l-qari għall-quddiesa tat-tieġ tagħhom?
- Meta se jibdew jistaqsuna minn fejn jistgħu jixtru r-rit taċ-ċwieġ ħalli jaqrawh u jifluh flimkien, biex imbagħad il-quddiesa tat-tieġ ikunu jistgħu jiggustawha iżjed?



Tkun ħaġa sewwa li min hu responsabbli mill-booking tat-tiġijiet jinqeda bl-okkażjoni, biex jgħid kelma ta' ġid spiritwali lill-għarajjes, speċjalment lil dawk li moħħhom wisq fuq dak li jidher u jgħammex l-għajnejn nhar il-quddiesa tat-tieġ tagħhom milli f'valuri oħra. Il-mod kif nilqgħu lill-għarajjes meta jiġu għall-booking u x'ngħidulhom huwa ta' fejda kbira għalihom. Dan ifisser li jekk ma jistaqsuniex huma dwar valuri reliġjużi u spiritwali f'konnessjoni maż-żwieġ tagħhom, nibdew nistaqsuhom aħna ħalli jsiru jafu bis-sitwazzjoni li jinsabu fiha u jiġu evanġelizzati.

## ESPRESSJONJIET BOLOH ID-DAR U L-ISKOLA

Ippruvajt niġbor espressjonijiet li qegħdin fuq fomm ċerti ġenituri boloh: **"Tneħħilek il-ksuħat u l-qżież li għandek ma jibqgħalek xejn iżjed", "Kemm iddum ma tifhem?", "Għandek moħħok ma jlaħħaqlikx, żurżieqa!", "Qisek baħnan", "Lanqas tilbes ma taf", "Lanqas ħila tkakki ma għandek", "Alla kemm ħalqek injorant!", Pu għalik, kemm inti stupidu!", "Donnok mitruħ", "Tmur l-iskola biex issaħħan il-bank u għal xejn iżjed".**

Espressjonijiet oħrajn huma dawn: **"Donnok rieqed, m'għandek il-ħila tagħmel xejn", "Kieku xi darba taf titgħallem!", "Kemm inti imbeċilli!". "Alla ma setax joħloq wieħed ġifa iżjed minnek", "Injorant daqs erba' mija", "Għandek moħħok ta' beċċun", "Kemm int ħmar taż-żurbett" (li ma tieħu xejn minnu, ma jaqdik f'xejn), "Kemm int fidil", "Kieku ma ġejt xejn fid-dinja, kien ikun wisq aħjar għalija!", "Bik u mingħajrek l-istess!", "Kemm int Ċ bit-tikka", "Qisek balalu", "Lanqas timxi ma taf", "Kemm iddum ma tifhem!", "Kemm int ottuża, tqila biex titgħallem!", "Qisek bajju", "Inti tifel/tifla tibża' minn dellek!"**...

Dawn huma ftit mill-espressjonijiet li jdamdmu ħafna fid-djar tal-Maltin u l-klassijiet ta' l-iskola. Huma ħafna dawk il-ġenituri, speċjalment ommijiet, u l-għalliema li jlissnu dawk l-espressjonijiet fir-relazzjonijiet tagħhom ma' wliedhom jew mat-tfal li jgħallmu u qisu ma ġara xejn. Qegħdin f'ħalqhom. Ma jafux, anzi ma jistgħux jobsru, x'deni kbir psikoloġiku qegħdin jikkaġunaw fi tfal li għandhom bżonn min iżommilhom il-moral għoli, billi jagħmlilhom kuraġġ, ħalli jirnexxu fil-ħajja.

Huma ftit dawk it-tfal li jisimgħu l-espressjonijiet li semmejt u ma jagħtux kashom. Huma ftit dawk it-tfal li jisimgħu espressjnijiet negattivi indirizzati lilhom stess u jeħduhom biċ-ċajt, għax konvinti li ma jgħoddux għalihom. Ħafna mit-tfal idaħħluhom



f'moħħhom ċerti espressjonijiet, u jibqgħu impressjonati bihom. Min jista' jgħid kemm hawn kbar li sofrew ħafna psikoloġikament tort ta' espressjonijiet ta' l-għamla li semmejt? Min jaf kemm hawn nies li baqgħu lura tort tal-ġenituri u ta' l-għalliema li kienu jindirizzawhom diskors ta' dik il-kwalità!

Anki jekk tifel/tifla qisu jixirqilhom l-espressjonijiet li semmejt, min hu edukatur xorta waħda qatt ma jissogra jgħidhomlhom. Żgur jgħidilhom espressjonijiet oħrajn li jgħinuhom jikbru tassew f'self confidence u self-esteem.

Min qara "A Boy called 'It'" u "The Lost Boy" ta' Dave Pelzer jaf x'ridt ngħid bir-riflessjoni li ktibt. Ċerti espressjonijiet li saru lala fuq fomm xi ġenituri u għalliema huma u jkellmu t-tfal m'għandhomx xi jriduhom iżjed, jekk qed jifhmu kemm jistgħu jkunu ta' deni għalihom tul l-iżvilupp delikat u sensittiv tagħhom.

## ŻWIEĠ PERMANENTI

Xejn mistoqsijiet dwar qari diffiċli fil-liturġija tal-kelma...

***Psychology can make us feel good, but religion can make us good...***

***Our world has returned to paganism – or rather, to something much worse, for a divorcee is not a virgin...***

***Technology has given us comforts but not contentment.***

***'Wanted whales have more 'right' to life than 'unwanted' babies...*** •



# UNJONI *de facto* U IKTAR...

Illum qed ngħixu fi żmien li ġuvni u tfajla, raġel u mara jibżgħu jew jaħsbuha sewwa qabel ma jintrabtu bi żwieġ u b'hekk jissiġillaw imħabbithom legalment. Imma, qed ngħixu wkoll fi żmien li ġuvni u tfajla, raġel u mara, raġel u raġel, mara u mara jagħżlu li jgħixu flimkien, illegalment, kemm ċivilment u fuq kollox fir-rigward tat-tagħlim nisrani u tal-Maġisteru tal-Knisja Kattolika. It-tieni sitwazzjoni, mhijiex xi fenomenu ta' żmienna għax minn dejjem kienet teżisti.

Iżda llum donnu qed tqabbad għeruqha sew u jekk ma nilqgħulhiex tista' ssir perikoluża u tkisser il-valuri morali, soċjali u ekonomiċi tal-familji tagħna, il-pern tas-soċjetà. Le, mhux qed nesaġera, anki jekk effettivament, bl-istatistika f'idejna, l-għadd ta' dawk li qed nirreferi għalihom mhux daqshekk allarmanti. Madankollu, nistaqsi: x'jiġri jekk l-Istat jirrikonoxxi bil-liġi dawn it-tipi ta' koppji? Filwaqt li ssir **"ġustizzja"** magħhom, ma jkunx ifisser li saret inġustizzja ma' min mexa mal-prinċipji morali u etiċi, fit-triq tas-sewwa? Sfortunatament anki hawn Malta l-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali huma fuq il-front u jippruvaw, b'forom ta' sensazzjonaliżmu skadut u baxx, jippreżentaw dawn it-tipi ta' koppji bħala xempju tal-familja ta' llum f'isem il-libertà (=libertinaġġ), l-imħabba (=egoiżmu u deġenerazzjoni sesswali). Titli b'ittri kubitali fuq d-drittijiet li persuna għandha bħalha bniedem, u artikli sħaħ li jissarfu f'attakki bla rażan kontra t-tagħlim tal-Knisja li spiss tissejjaħ retrograda, mhux aġġornata jew li mhux tassew trid il-ġid tal-bniedem! Ma jistgħux jitħallew barra films, fictions, dokumentarji, programmi anki kanzunetti u reklami li jenfasizzaw **"is-sbuħija, l-għaxqa u t-trankwillità"** li tista' toffri unjoni *de facto*.

Ftit ilu fl-Italja d-Deputat Ewro Parlamentari Taljan Carlo Casini kiteb u ppubblika l-ktieb: Unioni di fatto, matrimonio, figli: tra ideologia e realtà. Casini, li huwa wkoll il-President tal-grupp Taljan 'Movimento per la vita', biex joħloq kuxjenza u mpatt akbar permezz tal-pubblikazzjoni tiegħu, stieden lill-isqof Mons. Elio Sgreccia, President ta' l-Akkademja Pontifiċja għall-Ħajja, biex jagħmel il-preżentazzjoni dak in-nhar tat-tnedija tal-ktieb, li saret fiċ-Ċentru tar-Radju Vatikan.



Mons. Sgreccia, bħalma issa kulħadd drah, mill-ewwel ħareġ fuq l-attakk u fid-dawl tal-ktieb li kien qed jippreżenta stqarr: **"Liġijiet li jippermettu unjoni *de facto* se jweġġgħu ħafna nies u l-Kattoliċi kollha huma fid-dmir li jagħmlu dak kollu possibbli biex liġijiet bħal dawn ma jgħaddux."** B'daqshekk, spjega Mons. Sgreccia, ma jfissirx li huwa kien qed jipproponi li l-Knisja tindaħal b'xi mod fl-affarijiet ta' l-Istat, imma t-tipi ta' unjoni bħal dawn huma ferm 'il bogħod mill-kunċett tar-rabta, bħalma nifhmu fiż-żwieġ, kif imħaddan mis-soċjetà internazzjonali. Fil-fatt, id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tgħid ċar u tond li l-familja hija l-bażi naturali u fundamentali tas-soċjetà bħala grupp u għalhekk jeħtieġ li (il-familja) titħares kemm mis-soċjetà kif ukoll mill-Istat. Fil-prattika dan ifisser li kemm il-liġi internazzjonali kif ukoll dik nazzjonali tiddefendi u tħares lill-familja. Dan ifisser ukoll li jekk l-istabbiltà tal-familja tiddgħajjef, anki s-soċjetà bħala grupp, tbati.

## UNJONI BEJN PERSUNI TA' L-ISTESS SESS

Ma setax jonqos li Mons. Sgreccia jirreferi għall-proposti li kulma jmur qed jiżdiedu biex persuni ta' l-istess sess ikollhom l-unjoni tagħhom legalizzata, minkejja li dan imur kontra l-liġi naturali. Il-President ta' l-Akkademja Pontifiċja enfasizza li: **"ir-raġel u l-mara fl-istess natura u struttura ta' ġisimhom jikkumplimentaw lil xulxin speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħajja emozzjonali, fil-ħajja sesswali u fit-tnissil ta' l-ulied."** Għalhekk il-liġi naturali b'unjoni tifhem ir-rabta bejn raġel u mara.

## FTIT TAGĦRIF

Wieħed jifhem li Mons. Sgreccia ħadha qatta' bla ħabel fuq dan is-suġġett għaliex il-Knisja hija serjament preokkupata fid-dawl ta' dawn ix-xejriet ġodda. Iktar pajjiżi qed jitħajru wara li fil-passat qrib (se nsemmi biss l-Ewropa) tnedew liġijiet taħt diversi forom (eż: ftehim/patti ta' solidarjetà ċivili), li jagħtu għadd ta' drittijiet lill-koppji *de facto*, indipendentement jekk il-koppja hijiex magħmula minn mara u raġel jew ta' l-istess sess. Kienu l-pajjiżi Skandinavi li fetħu t-triq, bid-Danimarka isir l-ewwel pajjiż li fl-1989 kien nieda liġi li tagħraf l-unjoni bejn żewġ persuni ta' l-istess sess. In-Norveġja għamlet l-istess fl-1993 u s-sena ta' wara kienet l-Iżvezja li għamlet l-istess ħaġa. Il-Gvern ta' l-Islanda kien għadda liġi f'dan ir-rigward fl-1996 u b'hekk jakkomoda dawk kollha li riedu jingħaqdu u jiffurmaw unjoni bejniethom. Fl-1999 fi Franza għaddiet liġi li permezz tagħha żewġ persuni, huma x'inhuma kemm mara u raġel jew tnejn ta' l-istess sess, jistgħu jiffurmaw unjoni bejniethom u jgħixu flimkien legalment. B'saħħet din l-istess liġi ċ-ċittadini Franċiżi li jaqgħu taħt din il-kategorija kisbu għadd ta' drittijiet ta' natura fiskali kif ukoll benefiċċji soċjali. Il-liġi li kienet approvata fil-Ġermanja fis-sena 2000 tixbah lil dik Franċiża u l-koppji *de facto* kisbu bosta drittijiet u benefiċċji li normalment jingħataw lill- koppji miżżewġin legalment.

Fost il-pajjiżi Ewropej li approvaw l-unjoni *de facto* hemm il-Fillandja, il-Lussemburgu, il-Portugall u r-Renju Unit. L-Olanda fl-2001 marret iktar lil hemm u tat lill-koppji ta' l-istess sess id-drittijiet u l-benefiċċji kollha bħallikieku koppja bejn mara u raġel miżżewġin legalment. Mhux hekk biss, imma b'liġi, koppja ta' l-istess sess, għandha wkoll id-dritt ta' l-addozzjoni. Spanja mxiet fuq il-passi ta' l-Olanda u għaddiet liġi fis-sena 2005. Fl-Italja d-diskussjoni għadha għaddejja. Inċidentalment, għajr għan-Norveġja, il-pajjiżi l-oħrajn kollha huma membri ta' l-Unjoni Ewropeja u ironikament x'uħud minnhom (Franza, Italja, Portugall, Spanja, Renju Unit), għad għandhom,



anki jekk għall-isem biss, ċerti titli, bħallikieku xi paladini indiskussi tal-Knisja Kattolika (sic!)

## REAZZJONIJIET

Il-Knisja kif inhu fid-dover tagħha, mhux għax hekk qal Mons. Sgreccia, ilha żmien titkellem u tisħaq fuq dawn x-xejriet ġodda. Se naqbeż l-element essenzjali li jispjega t-tifsira vera ta' familja, jiġifieri dak tat-tnissil ta' l-ulied, għaliex dan inkonfutabilment jista' jseħħ biss meta koppja tkun magħmula minn raġel u mara u għalhekk huwa assurd li nitkellmu fuq familja bejn koppja ta' l-istess sess. Imma fl-istess irid jingħata kas li ċerti liġijiet li aċċennajna għalihom qed jillegalizzaw il-koabitazzjoni, il-kelma popolari għall-unjoni ta' koppja *de facto*.

Fis-sena 2000 il-Kunsill Pontifiċju tal-Familja nieda dokument: Il-Familja, iż-Żwieġ u l-Unjoni *de facto*, ibbażat fuq il-prinċipju li l-familja hija l-ġebla tax-xewka tas-soċjetà u għaldaqstant, bħala tali, għandha tingħata status legali privileġġjat. Il-familja hija l-ġid fundamentali u prezzjuż tas-soċjetà sħiħa, għaliex mibnija fuq il-valuri li jiżviluppaw fir-relazzjonijiet fi ħdan l-istess familja li jiggarantixxu żwieġ stabbli (n.2) Dan ifisser li ż-żwieġ u l-forom varji ta' koabitazzjoni qatt u minn ħadd ma jistgħu jitqiegħdu fuq l-istess livell. Il-familja għandha l-bażi tagħha fir-rabta taż-żwieġ bejn raġel u mara, in-nukleju fejn jitnisslu l-ulied u fejn il-ġenerazzjoni futura tikseb l-edukazzjoni tagħha. Il-familja bħala istituzzjoni tiġi qabel l-Istat li huwa fid-dmir li jħarisha b'kull mezz u jagħraf jiddistingwi sewwa bejn dak li huwa ta' interess pubbliku (il-familja) u dak li huwa ta' interess privat (il-koabitazzjoni). Fid-dawl tad-definizzjoni li tajna, il-familja hija ta' interess pubbliku, filwaqt li tnejn li jiddeċiedu li jgħixu flimkien bħala unjoni hija deċiżjoni ta' interess privat, bejn żewġ persuni, u hekk għandha tibqa'. Hekk jisħaq id-Dokument Pontifiċju. Madankollu, tajjeb li l-Istat jiggarantixxi lil dawn il-koppji li jkunu ħielsa fl-għażla tagħhom.

Fi Franza u preċiżament f'Lyon kmieni din is-sena saret laqgħa bejn mexxejja Nsara, Musulmani u Lhud, fosthom il-Kardinal Philippe Brabarin, Arċisqof ta' Lyon. Fi tmiemha ġie ffirmat dokument ta' kundanna kontra l-koppji *de facto* bejn żewġ persuni ta' l-istess sess. Huma saħqu li l-istituzzjoni taż-żwieġ hija punt ta' riferiment fundamentali għall-umanità. **"Din mhux sempliċi kwistjoni li tqanqal diskussjoni fis-soċjetà tagħna, imma hija għażla gravi, mingħajr preċedent li qed tiffaċċja l-istorja ta' l-umanità. Żgur li m'għandux ikun wirt li għandna nħallu għall-ġenerazzjonijiet ta' warajna."**

Fid-dawl tas-suġġett li trattajna, il-Knisja fir-Renju Uniti hija mħasba sew, tant li l-Primat il-Kardinal Cormac Murphy-O'Connor ġibed l-attenzjoni tal-Gvern ta' Tony Blair fuq l-Att ta' l-Ugwaljanza 2006, li se jidħol fis-seħħ f'April. Dan l-Att jipprojbixxi, b'mod sħiħ u assolut, kull forma ta' diskriminazzjoni kontra dawk ta' orjentament sesswali differenti. Il-Kardinal għamilha ċara li **"il-Knisja Kattolika tikkundanna kull forma ta' diskriminazzjoni inġusta, vjolenza, immolestar jew abbuż kontra l-omosesswali, anzi tisħaq li għandhom jintlaqgħu b'rispett u b'sensibiltà kbira."** Imma fl-istess ħin talab li l-Aġenziji Kattoliċi għandhom jiġu eżentati milli jipproċessaw talbiet għall-adozzjoni minn omosesswali, **"għaliex dan imur kontra t-tagħlim tal-Knisja."** Il-Kardinal Primat tar-Renju Unit m'eskludiex li jekk il-proposta li saret ma tkunx milqugħa, il-liġi msemmija se tkun kaġun ta' l-għeluq ta' dawn l-aġenziji li ilhom snin twal joffru servizz eċċellenti u ta' kwalità professjonali mal-pajjiż kollu.

## KONKLUŻJONI

Nikkonkludi b'dak li temm jgħid Mons. Sgreccia. **"L-Istat minflok jiffavorixxi l-unjoni *de facto*, għandu jgħin u jgħallem liż-żgħażagħ kif jiffurmaw familja vera, bi żwieġ ċivili jew reliġjuż, imbasta stabbli, u bil-faċilitajiet li jkollhom dar tagħhom u xogħol xieraq."** •

# KOMUNIKAT TAL-KONFERENZA EPISKOPALI KENJANA FL-OKKAŻJONI TA' L-IRVELLIJIET WARA R-RIŻULTAT TA' L-ELEZZJONI PRESIDENZJALI 2007

Iffirmat mill-Kardinal, l-Emminenza Tiegħu John Njua u l-Isqfijiet Kenjani.



**"Nagħtikom il-paċi tiegħi"**

Għeżież Kenjani

Il-paċi ta' Sidna Ġesù Kristu u l-imħabba t'Alla u l-għaqda fl-Ispirtu s-Santu tkun magħkom ilkoll.

A]na l-Isqfijiet Kenjani, bi tħassib kbir nixtiequ nindirizzaw lill-Insara tagħna kollha u l-Kenjani inġenerali f'dal-mument kritiku u kruċjali ta' pajji\na.

B'dispjaċir kbir u b'ħafna ansjetà konna xhieda tal-mewġa ta' vjolenza u l-ksur tal-liġi u l-buon ordni li kkawżaw għadd kbir ta' mwiet, ferriment u qerda ta' propjetà, twerwir u nuqqas ta' protezzjoni li wasslu lil ħafna li jaħarbu minn djarhom.

Nixtiequ nagħmlu appell imqanqal lill-Kenjani kollha, irġiel u nisa, xjuħ u żgħażagħ, tal-partiti



politiċi kollha u minn kull stat ta' ħajja, biex iżommu lura mill-vjolenza u mill-qtil bla sens ta' ħutna l-Kenjani.

Il-Kenja hija tagħna lkoll. Huwa l-waqt li nieqfu u nirriflettu dwar il-konsegwenzi ta' l-azzjonijiet tagħna.

Għal snin twal għexna flimkien bħal aħwa. Għalhekk m'għandu jkollna l-ebda raġuni li nużaw il-vjolenza fuq dawk li jappartieni lill-grupp ta' razza differenti minna jew huma affiljati ma' partit politku ieħor. Il ħajja hija sagra. Aħna lkoll aħwa f'Alla missierna.

Għażiż poplu tagħna, aħna lkoll għandna nkunu responsabbli tas-sigurtà u l-ko-eżistenza paċifika f'pajjiżna.

a) Ejjew aħna stess inżommu lura mill-vjolenza, mit-tifrik jew imġiba li tifred bir-rimarki u l-kummenti li nagħmlu.

b) Nirrifjutaw li nieħdu sehem f'xi forma ta' distruzzjoni, serq jew anke li nirċievu oġġetti misruqa.

c) Taħsbux li intom bla qawwa. Intom tistgħu tagħmlu xi ħaġa. Tkellmu ma' qrabatkom, ħbiebkom, il-ġirien tagħkom, ma' nies li intom tafu li jistgħu jgħinu fis-soluzzjoni tas-sitwazzjonijiet kurrenti.

d Stiednu lil kull min tafu li huwa nvolut fi mġiba ta' distruzzjoni biex jieqaf jagħmel il-ħsara.

e) F'dan iż-żmien ta' ħtieġa kbira kunu lesti li taqsmu l-ħtiġijiet basiċi bħall-ikel, l-ilma u l-protezzjoni ma' dawk li għandhom iktar bżonn minna.

f) Inħeġġu speċjalment liż-żgħażagħ tagħna ħalli ma jintrebħux mit-tixwix biex jużaw il-vjolenza.

Aħna nħossuna qrib dawk il-ħafna li tilfu lill-għeżież tagħhom fl-inkwiet li nqala'. Waqt li nfarrġukom, nitolbu għalikom biex il-paċi tirritorna f'qalbkom. Inħossu wkoll ma' dawk feruti, abbużati u mkeċċija minn djarhom waqt li nħossuna qribkom
f'dal-mument diffiċli.

Għal darb'oħra noffru l-medjazzjoni tagħna f'dal-mument ta' kriżi. Inħeġġu b'mod speċjali lis-saċerdoti u r-reliġjużi fil-parroċċi u l-komunitajiet tagħna biex kemm jista' jkun jipprattikaw il-ġustizzja, il-paċi u s-solidarjetà ma' dawk li qegħdin isofru f'dan il-mument.

Fl-aħħarnett nappellaw lill-Kenjani kollha biex jitolbu u biex jorganizzaw talb speċjali għall-paċi fil-knejjes tagħna kull fejn hu possibbli.

**"Inħallilkom is-sliem; nagħtikom is-sliem tiegħi Mhux bħalma tagħti d-dinja, nagħtikom jien"** (Ġw 14:27). •

# RIŻULTAT TAL-LOTTERIJA TAL-MILIED 2007 B'RIŻQ IL-MISSJONI TAL-FRANĠISKANI KAPUĊĊINI

### L-EWWEL PREMJU

Żewġ biljetti ta' l-ajru MALTA-LONDRA-MALTA
Biljett nru 14406
**Intrebaħ minn Michelle Debono**
109 Isouard Street - Marsa

### IT-TIENI PREMJU

Television set - Biljett nru 079767
**Intrebaħ minn M.T. Bonello**
4/9A Tulip Street - San Gwann

### IT-TIELET PREMJU

Hamper u Kwadru kbir - Biljett nru 18413
**Intrebaħ minn Joe Mallia** - Marsascala

### IR-RABA PREMJU

Hamper u kwadru - Biljett nru 29576
**Intrebaħ minn Rose Cauchi**
43 "Panderosa" Triq Gwann Mamo - Iklin.

Ħajr lil PEG Publishers, Dr Mary Meilaq, Mrs Antida Gauci, Camilleri and Sons, Albion Stores u Cane Works Hamrun għall-premjijiet li offrewlna.

**POEŻIJA**

# Bħal Missierhom

minn Mons. Francis Baldacchino,
Isqof tad-Djoċesi ta' Malindi, il-Kenja

Kont fi knisja żgħira, kwieta mwarrba,
Waħdi f'rokna, wiċċ bejn idejja moħbi,
F'post imdallam, magħluqa għajnejja,
Biex nara aħjar, dak li ma jidhirx,
u nifhem ta' madwari l-ħwejjeġ kbar!

Għaliex wieħed li ħadem u stinka
Biex ġemma għall-futur ta' wliedu żgħar,
Hekk kif jisma' b'mard, għarrar jew faqar
Fost bnedmin ta' lsien, din u razza oħra,
Mill-ħniena mqanqal, fil-but idu jdaħħal?

Għaliex għal erbgħin sena 'l bintha,
Marida mwielda bħal tarbija tfisqi,
Bla ma tinsa 'l żewġha u l-oħrajn?
Għaliex omm ħabsi maqful għal għomru kollu,
Ma jgħaddix xahar li tmur tarah?

Ġuvni jaqbes ħa jsalva tfal qed jegħrqu,
Wieħed fuq l-art niexfa jwasslu
Ma' l-ieħor jinżel fil-qiegħ: għaliex?
Qassis kollox iħalli u 'l bogħod isiefer
Biex tagħlim Kristu jxandar: għaliex?

Xjenzat għal snin kbar min-nies jinqata'
Kura jfittex għal mard ikrah u qattiel...
Tabib qalbieni b'maskra biss imħares,
Jersaq idewwi 'l ħuh b'mard jittieħed mimsus...
Suldat jiġġieled u għal artu jmut: għaliex?

Ħassejtni mirbuħ b'dil-kotra ta' tjubija,
Iktar ma mmaħħaħ, iktar ħsiebi jxegħebni...
B'għajnejja magħluqa nfittex id-dawl,
Erfajt moħħi 'l fuq u staqsejt: għaliex?
'Jixbhu 'l Missierhom Twajjeb u Ħanin'.





# MAL-ĦAĠRA T-TAJN

Andrew u Martha kien ilhom miżżewġin ħafna snin. Kellhom negozju tagħhom li kien jirrendi; għamlu minnu xi sold sewwa, iżda ma tantx kien jippermettilhom jagħmlu btajjel fit-tul. Dan l-aħħar, għamlu f'rashom li jirtiraw, biex is-snin li dehrilhom kien baqagħlhom, igawduhom flimkien.

L-uniku iben li kellhom, Martin, kien joqgħod fir-raħal ta' ħdejhom. Ix-xogħol tiegħu kien jitlob minnu ħinijiet twal u l-ftit ħin liberu li kien ikollu, kien iqattgħu jirranġa d-dar li xtraw hu u l-għarusa flimkien, bil-ħsieb li wara li jiżżewwġu jmorru joqogħdu fiha.

Għodwa fost l-oħrajn, huma u ġejjin lura minn mixja fil-kampanja, Martha rat avviż ġo vetrina ta' Aġenzija ta' l-Ivvjaġġar, tħabbar ġita ta' ħmistax-il ġurnata għal Malta. Daret fuq żewġha u ħajritu għaliha. Andrew ma qalilhiex le, għax bħalha kien ilu ma jsiefer. L-għada, l-ewwel ħaġa li għamlet Martha, kienet li ċemplet biex tikseb aktar tagħrif. Skopriet li l-vjaġġ għal Malta kien għal dak in-nhar stess u t-tluq kien kmieni wara nofs in-nhar. Mingħajr ma qagħdet taħsibha wisq, ibbukkjat għaliha u għal żewġha.

Malajr, malajr, ippakkjat dak li hi u żewġha seta' kellhom bżonn, u sakemm waslet it-taxi biex toħodhom l-ajruport, ħalliet messaġġ lil binha Martin fuq l-answering machine dwar id-deċiżżjoni tagħhom li jmorru fuq btala.

Dak in-nhar tat-tluq tal-ġenituri tiegħu, Martin telaq mill-uffiċċju qabel il-ħin tas-soltu billi kellu biċċa xogħol li ried jibda u jlesti fid-dar il-ġdida. Kif daħal, telaq iċ-ċwievet fuq il-mejda u mar jiekol xi ħaġa li kien xtara u ġab miegħu minn barra. Hu u jiekol jgħaġġel biex ifittex jibda, għafas il-buttuna ta' l-answering machine biex jara kellux xi messaġġ. Il-ħoss li għamlet il-magna kien stramb. Mhux tas-soltu. Jidher li kellha xi ħsara. Imma deherlu, li mat-tgedwid tal-magna għaraf leħen ommu. Imma x'setgħet qalet ma setgħax jifhem. Malajr, qabad it-telephone u ċemplilha d-dar iżda risposta mingħand ommu ma ħax. Qabdu bħal biża li seta' ġralha xi ħaġa, li seta' ħassha ħażin, jew agħar li setgħu ġralhom xi ħaġa ommu u missieru.

Telaq l-ikel minn idejh, ħataf iċ-ċwievet minn fejn kien ħallihom, ħareġ b'ġirja mid-dar, daħal fil-karrozza u saq b'kemm kellu ħila lejn id-dar tal-ġenituri tiegħu. Fit-triq, il-kuxjenza tiegħu bdiet tniggżu, ma ħallitux kwiet għall-fatt, li dan l-aħħar, bejn l-uffiċċju u x-xogħol fid-dar, ma tantx kien qed imur jarahom. U l-agħar, anqas kien jindenja ruħu mqar iċemplilhom biex jara kellhomx bżonn xi ħaġa.

Mingħajr ma jaf kif, wasal quddiem il-bieb tad-dar tal-ġenituri tiegħu. Daħħal iċ-ċavetta li kienet tagħtu ommu stess, u b'nifsu maqtugħ qisu ġej minn xi ġirja, beda jsejjaħ lil ommu u 'l missieru. Beda jdur kamra kamra qisu wieħed b'rasu maqtugħa. Tela' u niżel it-taraġ xi tliet darbiet. Kullimkien baħħ. Sinjal ta' ħajja ma kienx hemm.

Fl-aħħar iddeċieda li jmur iħabbat il-bieb tad-dar ta' ħdejhom. Fetħitlu mara anzjana. Ma kienet taf tgħidlu xejn dwar il-ġenituri tiegħu. Bilkemm kienet

tafhom għax kif qaltlu, kienet ilha toqgħod hemm ftit ġimgħat biss. Issuġġerietlu li jistaqsi lil tal-faċċata billi kienet tħobb tgħaddi ħafna ħin tilgħab bil-pjanti li kellha fil-ġnien ta' quddiem id-dar. Martin mar bil-ġirja jħabbtilha. Fetħitlu mill-ewwel qisha kienet qed tistennih bil-bieb f'idha. Għall-mistoqsija tiegħu jekk kienitx taf fejn marru l-ġenituri tiegħu, wieġbet li ma kienu qalulha xejn. Biss, ftit qabel nofs in-nhar, kienet waqfet taxi quddiem il-bieb tagħhom u rathom deħlin fiha b'bagalja tas-safar.

Seksieka minn ġuf ommha, Mandy, (hekk kien jisimha), qaltlu: ***"Forsi siefru. Forsi marru holiday. Imma ngħid jien, kieku inti ma tafx? Sejrin ma jgħidulekx?"*** Il-kliem ta' Mandy ħasshom bħal sejf jinfidlu qalbu. Kien iħobbhom lill-ġenituri tiegħu, imma dan l-aħħar kien ittraskurahom. ***"Tgħid ommu riedet tagħtih lezzjoni?"*** beda jgħid f'qalbu lilu nnifsu.

Irringrazzjaha u sellmilha u reġa' mar b'ġirja fid-dar fejn twieled u trabba. Baqa' tiela' dritt fil-kamra tal-bejt fejn ommu kienet tħobb tħalli l-bagalja tas-safar. Hekk hu. Il-bagalja ma kienitx hemm. Postha kien vojt. Niżel jiġri isfel, daħal fil-kamra tas-sodda tal-ġenituri tiegħu. B'ħafna tferfix għax qalbu bdiet tħabbat sitta sitta, fetaħ il-gwardarobba u nduna li l-ħwejjeġ tas-sajf ta' ommu ma kienux imdendlin bħas-soltu. Dak il-ħin donnu beda jistrieħ xi ftit għax kważi kkonvinċa ruħu li kienu siefru.

***"Imma kif ma qalulix li se jsiefru? Min jaf fejn marru? Żgur li kont nagħmlilhom aktar kuraġġ kieku kont naf qabel! Veru li ma tantx niġi narahom, imma binhom kont u għadni. Tgħid din hi tbeżbiża bil-pulit? U għaliex anqas imqar ċempluli?"*** Dawn il-ħsibijiet bdew jittorturawh, iżda hekk kif ġie f'rasu ċ-ċempil, ftakar fil-messaġġ fuq l-answering machine u l-ħoss stramb li kienet għamlet il-magna meta għafsilha l-buttuna. ***"Mela sewwa smajt meta għafast il-buttuna"***, qal bejnu u bejn ruħu. ***"Dak kien leħen ommi li ħallietli l-messaġġ biex tgħidli li kienu se jsiefru"***. U b'dan il-ħsieb f'moħħu bħal donnu ried jikkalma l-kuxjenza tiegħu. Sakkar id-dar mill-ġdid u reġa' telaq lejn daru bil-ħsieb li jerġa' jisma' l-messaġġ.

Sadattant, Mandy s-seksieka, kienet għadha tpaċpaċ barra ma' ġirien oħra li kienet ġabret biex tgħidilhom x'ġara. Hekk kif rat lil Martin jerġa jsakkar il-bieb u jerħilha lejn il-karrozza tiegħu, b'leħen li seta' jismagħha, qalet: ***"Imma kif dawn iż-żgħażagħ ta' llum, jiġu jaqgħu u jqumu mill-ġenituri tagħhom?"*** Martin għamel ta' bir-ruħu li ma semgħahiex, daħal fil-karrozza, startja u telaq. F'qalbu rrabja għaliha għax ma kellhiex dritt tiġġudikah għalkemm ftit raġun kellha. ***"Imma jien, mhux għax niġi naqa' u nqum minnhom. Minħabba 'l ħafna xogħol li għandi ma niġix narahom. Imma veru, nista' mqar inċemplilhom"***. Beda jhammem waħdu.




Andrew u Martha kienu waslu l-ajruport ta' Malta, ġabru l-bagalji u ħarġu fis-sala ta' l-Arrivals. Raġel bl-uniformi b'karta b'isimhom fuqha, kien qed jistennihom. Qalilhom biex jistennew ftit għax il-coach li kellha tiġi għalihom ġratilha l-ħsara fit-triq u qed jistenna oħra. Martha daret lejn żewġha, qaltlu biex jieħu ħsieb il-bagalja ħalli tmur iċċempel lil Martin u tgħidlu li waslu.

Martin kien wasal id-dar tiegħu u qed idaħħal iċ-ċavetta fil-bieb meta sema' t-telephone iċempel. Ġirja waħda għalih, ħataf ir-receiver u bla nifs qal: ***"Hello"***. ***"Hello"*** irrispondietu ommu. ***"Ċempiltlek biex ngħidlek li wasalna Malta qawwijin u sħaħ. Kellna titjira tajba ħafna. Qed nistennew il-coach biex toħodna l-lukanda. Kienet deċiżjoni ta' mal-ħaġra t-tajn. Rajnha l-avviż u qtajniha li nieħdu vaganza. Skużana jekk m'avżajnikx kmieni"***, qaltlu ommu f'nifs wieħed. ***"Martin, għadek hemm?"*** staqsiet ommu. ***"Iva, ma, hawn għadni. Qed nisimgħek,"*** qalilha Martin b'leħen miksur. ***"Hudu gost fil-holiday u meta tkunu ġejjin lura, ċempluli biex niġi niġborkom jien mill-ajruport"***. Qalilha Martin b'leħen miksur fil-waqt li demgħa bdiet iġġelben ma' ħaddejh. Żiedet tistaqsih jekk sabx il-messaġġ li kienet ħallietlu fuq l-answering machine. Meta qalilha li semgħu, ma kienx qed jigdeb għalkemm sa dak il-ħin ma kienx ċert li kienet hi. Ħalliha b'hekk. Ma dehrlux li kellu juriha bil-kedda li ħa meta ma sabhomx id-dar aktar kmieni. Imma għamel f'moħħu li jgħidilha meta jiġu lura.

Kif ukoll, wiegħed lilu nnifsu li s-safra tal-ġenituri tiegħu, hekk, mal-ħaġra t-tajn, barra li kienet se sservihom ta' vaganza, lilu servietu wkoll ta' lezzjoni biex jagħti aktar każ ta' dawk li ġabuh fid-dinja. •

# IL-PELLEGRINAĠĠ TIEGĦI MA' FRANĠISKU U KLARA TA' ASSISI





**Wasalt Assisi, l-belt l-iżjed għażiża ta' l-Italja, lejn il-bidu tar-Rebbiegħa. Il-ġonna, il-bjut, il-btieħi, l-arja stess - kollha mfawwra bil-preżenza ħelwa u nviżibli tal-Fqir ta' Alla. Kien il-Ħadd. Il-qniepen kbar tal-knisja tiegħu kienu qegħdin idoqqu, u minn naħa l-oħra tal-pjazza jirrisponduhom il-qniepen tal-leħen ħlejju tal-kunvent ta' Santa Klara. It-tnejn li huma, Klara u Franġisku, magħqudin flimkien għal dejjem fil-qdusija.**

**"Missierna Franġisku, meta se tiġi żżur lis-sorijiet fqajjrin tiegħek fil-kunvent tagħhom?" "Meta x-xewk iwarrad bil-fjuri bojod ..."** U ara! Issa x-xewk qiegħed iwarrad, u ż-żewġ maħbubin ta' Alla huma preżenti flimkien għal dejjem f'Assisi.

**NIKOS KAZANTZAKIS**

Għalija, Assisi hija l-belt ta' simboli u misteri. Hi l-belt tas-siġar taż-żebbuġ, u ta' Franġisku u Klara. Huma mwaħħdin ma' din il-belt bħal ma huma magħqudin flimkien l-għeruq tas-siġar antiki u t-tajn li jżomm ma' xulxin il-ġebel roża ta' Assisi. Inħares lejn iz-zkuk qodma u mgħawwġin tas-siġar taż-żebbuġ li jaqbdu b'tant saħħa mal-ġnub tal-muntanja Subasio u fit-triq li twassal mill-bieb tal-belt għal monasteru ta' San Damiano... u nifhem l-impenn radikali li kellhom Franġisku u Klara ma' Ġesù msallab.

Għandhom iż-żmien dawn is-siġar; hawn min jgħid li huma l-eqdem siġar taż-żebbuġ fl-Italja kollha. L-għeruq tagħhom huma mqabbdin fil-fond hekk kif kienet fil-fond u radikali d-deċiżjoni ta' Franġisku li jimxi wara Kristu li kellmu minn fuq il-Kurċifiss ta' San Damiano... l-istess Kurċifiss li Klara ħarset lejh kuljum bħal kieku f'mera. Bħal dawn is-siġar, Franġisku u Klara qatt ma ċċaqalqu mid-deċiżjoni tagħhom favur il-faqar evanġeliku - bħal dawn is-siġar taż-żebbuġ, irnexxilhom jibqgħu sħaħ matul kull bidla u progress.

U bħall-ġebel roża ta' Assisi, Franġisku u Klara baqgħu sbieħ u attwali għalkemm l-arkittettura u l-istili tal-Knisja nbidlu. It-tajn ta' l-ispirtu tagħhom iżomm lil dan il-ġebel maqbud sew flimkien, hekk kif it-tajn li Franġisku għamel b'idejh stess ta s-saħħa lill-knejjes ċkejknin li hu sewwa: lil San Damiano, lil San Pietro, lil Santa Maria ta' l-Anġli, li hu sejjħilha Portiuncola.

Id-dehra ta' barra tas-siġar tinbidel maż-żmien, imma huma jibqgħu ħajjin u b'saħħithom jekk ikollhom għeruq fil-fond u f'ħamrija tajba. Il-Franġiskani wkoll inbidlu fid-dehra, imma l-għeruq tagħhom għadhom jieħdu l-ħajja mill-kitbiet ta' Franġisku u Klara, mill-ispirtu li jgħix fi kliemhom, fl-istorja sempliċi ta' ħajjithom, u f'Assisi stess. •

# IT-TAW

## ARMA U FIRMA TA' SAN FRANĠISK T'ASSISI (II)



### L-IMĦABBA GĦALL-LEBBRUŻI

l-Omelija tal-Papa Innoċenz III fil-Konċilju ta' l-1215 ma kienitx l-unika okkażjoni biex tkebbes id-devozzjoni ta' San Franġisk lejn it-Taw. Għalih it-Taw kellu sinifikat li ġie qabel il-Konċilju u li kellu x'jaqsam ma' fattur importanti fl-istorja tal-vokazzjoni tiegħu: l-imħabba li kellu lejn il-lebbrużi. Niftakru li qabel ma kkonverta, San Franġisk ma kienx jissaporti l-preżenza tal-lebbrużi, u kull darba li kien jiltaqa' ma' xi ħadd minnhom, kien jaqbdu paniku kbir li jġiegħlu jaħrab il-bogħod mingħajr dewmien. Iżda meta beda jagħraf lil Kristu, kienet laqa' ma' lebbruż li biddlitlu ħajtu: wara li ġġieled b'ħiltu kollha kontra tiegħu innifsu biex ma jaħrabx bħas-soltu, niżel minn fuq iż-żiemel u bies dak il-lebbruż. Wara dan l-episodju kien iqatta' ħafna mill-ħin tiegħu fi sptarijiet tal-lebbrużi, anzi ried li l-patrijiet jibdew in-novizzjat tagħhom fl-Ordni jaqdu l-lebbrużi.



*It-Taw kif pinġieh San Franġisk innifsu f'waħda miċ-ċelel tal-kunvent ġewwa Rieti.*

Dak iż-żmien ħafna mill-isptarijiet tal-lebbrużi, inkluż dak li kien hemm ħdejn Assisi, kienu f'idejn kongregazzjoni msejħa "l-Aħwa ta' Sant'Antnin l-Eremita (magħrufin bħala l-Antonjani) – kongregazzjoni li ġiet imwaqqfa fl-1095 bil-missjoni li jieħdu ħsieb il-morda. Illum din m'għadhiex teżisti. Fix-xbihat ta' Sant'Antnin l-Eremita, dejjem naraw il-bastun tiegħu b'forma ta' Taw, u dawn ir-Reliġjużi, li kienu jqisuh bħala l-qaddis protettur tagħhom, adottaw it-Taw bħala l-arma tagħhom. Kellhom Taw kbir fuq it-tonka tagħhom u kienu jġorru bastun forma ta' Taw, bħal Sant Antnin. San Franġisk kien midħla sew ta' dawn ir-reliġjużi f'Assisi, u hija ħaġa ċerta li waqt iż-żjarat tiegħu f'Ruma, San Franġisk kien joqgħod fl-Isptar li kellhom dawn ir-Reliġjużi viċin tal-Bażilika ta' San Ġwann tal-Lateran. Hekk naraw li San Franġisk kien jafu sew dan is-sinjal tat-Taw qabel ma ħa sehem fil-Konċilju Lateran ta' 1215, u meta wieħed iqis l-imħabba li kellu għal-lebbrużi, li fihom kien jara lil Kristu, nifhmu għaliex adottah mill-ewwel bħala l-Arma ta' l-Ordni tiegħu.

### L-ISPIRITWALITÀ TAT-TAW

Qabel is-sejħa tiegħu, San Franġisk kellu ambizzjoni li kienet komuni għaż-żgħażagħ ta' żmienu: li jsir kavallier, u darbtejn telaq minn Assisi biex jipprova jikseb dan l-unur billi jiġġieled għal ideal. F'ħolma li kellu, kien ra palazz imżejjen b'ħafna armi; u vuċi li qaltlu li dawk l-armi kienu għalih u għas-segwaċi tiegħu. Franġisku telaq biex jiġġieled għall-Papa. Iżda meta kien fi triqtu kellu ħolma oħra, fi Spoleto, li fiha l-Mulej qallu: Mur lura lejn art twelidek u hemmekk isseħ il-ħolma tiegħek b'mod spiritwali (2 Cel 6). Fl-1215, is-sena tal-Konċilju Lateran, il-wegħda li għamillu l-Mulej fi Spoleto kienet diġà seħħet: l-Ordni tiegħu kien approvat u kellu eluf ta' patrijiet miegħu. Dak iż-żmien kull kavallier, re, familja nobbli jew Għaqda, kien ikollha arma li kienet tiġi minquxa, impinġija jew meħjuta fuq il-ħwejjeġ biex tindika l-identità. L-għażla tat-Taw bħala l-arma tiegħu tindika l-evoluzzjoni spiritwali ta' dik il-ħolma li kellu Franġisku li kompla jqis ruħu bħala l-ħabbâr tas-Sultan il-Kbir (1 Cel 16).

Għal San Franġisk, it-Taw kien qabel kollox programm ta' Penitenza, billi jimxi fuq il-passi ta' Sidna Ġesù Kristu. It-tieni, kien simbolu tal-missjoni ta' tiġdid fih innifsu u fil-Knisja. Fl-aħħar kien is-sinjal tal-glorja, wirt tal-Mulej irxoxt, li tat lil San Franġisk il-qawwa u l-kuraġġ li jegħleb kull xorta ta' diffikultà. •

## MILL-FRATERNITAJIET LOKALI

**PROFESSJONI U KAPITLU F'BIRKIRKARA**

Il-Fraternità ta' Birkirkara laqgħet erbgħa membri ġodda. Anthony u Consiglia Galea, Bessie Agius u Antoinette Brincat għamlu l-professjoni tagħhom waqt quddiesa ċċelebrata fil-Knisja ta' Sant'Antnin nhar il-Ħamis, 6 ta' Diċembru 2007. Għal din il-laqgħa kienu preżenti wkoll l-Assistenti Internazzjonali. Il-Ħadd ta' wara, 9 ta' Diċembru, sar il-kapitlu elettiv fil-Kunvent, immexxi mill-Viċi Ministru Nazzjonali Pierre Eugene Buttigieg, u ġie elett il-kunsill li se jaqdi għat-tliet snin li ġejjin.

**DĦUL U PROFESSJONI F'SAN ĠWANN**

Nhar l-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007, waqt quddiesa fil-knisja ta' San Ġwann, sar ir-rit tad-dħul ta' Toni Camilleri, Gladys Fabri u Francis Mamo biex jibdew il-formazzjoni tagħhom fi ħdan l-O.F.S. Waqt l-istess ċelebrazzjoni, Tessie Middleton għamlet il-professjoni f'idejn Jonathan Gracey, Ministru tal-fraternità O.F.S. ta' San Ġwann.

## IR-RABA' LAQGĦA TA' FORMAZZJONI

Fr Marcello Ghirlando O.F.M. se jagħmel ir-raba' laqgħa ta' formazzjoni għall-membri kollha li qegħdin jippreparaw għall-professjoni fi ħdan l-O.F.S. Jista' jattendi għaliha kulħadd. Din se ssir is-Sibt, 9 ta' Frar fil-kunvent ta' San Franġisk, il-Belt Valletta fl-4.00 pm minflok il-Ħadd, 10 ta' Frar.

 Winston L. Zammit B.A. (Hons), P.G.C.E., M.A.

# IL-KAPUĊĊINI F'MALTA (Kronaka Ta' Patri Pelagju II)



## Il-Kunvent tal-Furjana (1589-1700)

Meta tlesta l-kunvent tal-Furjana tqiegħed taħt il-Provinċja ta' Napli, iżda mbagħad bl-għajnuna tal-Gran Mastru Verdala dan ġie mifrud mill-Provinċja ta' Napli u tqiegħed taħt il-Provinċja ta' Sirakuża, billi din kienet eqreb lejn Malta. Iżda l-istess Patri Pelagju fil-kronaka tiegħu jgħidilna li ma nafux meta dan seħħ [1].

Il-kunvent tal-Furjana bħall-bqija tal-kunventi tal-Kapuċċini, ikun jitmexxa minn Patri li jkollu t-titlu ta' Gwardjan. Dan kien jinħatar wara l-Kapitlu Provinċjali li kien isir f'xi belt ta' Sqallija, u l-ħatra kienet tkun għal sena billi fis-seklu XVII il-Kapitlu Provinċjali b'xi eċċezzjoni żgħira kien isir ta' kull sena [2].



*Patri Rafel Camilleri*

Fost il-Gwardjani tal-kunvent, fil-kunvent fil-perijodu1589-1700 insibu lil Patri Franġisk minn Noto li nħatar Gwardjan fl-1592 [3]. Il-magħruf Patri Rafel Camilleri minn Ħal Tarxien, ġie maħtur Gwardjan tal-kunvent fl-1613, fl-1614, fl-1620, fl-1622, u fl-1623 [4]. Wara Patri Rafel, sa l-1680 l-ebda reliġjuż Malti ma nħatar Gwardjan tal-kunvent ta' Malta [5]. Dan ifisser li sa l-1680 is-superjuri kienu dejjem Patrijiet Sqallin. Fl-1680, Patri Ambroġ minn Malta ġie maħtur Gwardjan tal-kunvent tal-Furjana [6].

Fl-1589 fil-kunvent tal-Furjana kien hemm 18-il reliġjuż [7] filwaqt li minn ittra li nkitbet fid-19 ta' Ġunju 1694, nafu li l imsemmi kunvent kien mimli bir-reliġjużi [8]. Fil-kunvent kien ikun hemm Patrijiet u Lajċi Maltin u Sqallin. Fost il-membri tal-komunità fis-seklu XVII insibu żewġ Sqallin ta' fama qaddisa li t-tnejn mietu fl-1614. Fra Klement kjerku minn Ragusa u Fra Adrijanu fratell lajk minn Castrogiovanni [9]. Fost il-Kapuċċini barranin, li waqt vjaġġ għamlu xi żmien fil-kunvent tal-Furjana, insibu li fl-1657, kien hemm Fra Franġisk minn Pamplona, fratell lajk, fis-seklu Don Tiburzio de Redin, li kien jiġi ħu l Gran Mastru Fra Martin de Redin [10].

Fil-kronaka tiegħu li kienet inkitbet fl-1764, Patri Pelagju jgħidilna li l-bini tal-kunvent ma kienx kif inhu llum (1764) għax maż-żmien saru żidiet fil-bini tiegħu [11]. Hekk insibu li fl-1599, il-Gran Mastru Martino Garzes (1595-1601) bena kamra tal-ħasil għall-Patrijiet li kellha wkoll il-gandotti ta' l-ilma [12]. Fl-1624 l-Isqof Baldassare Cagliares ingħata l-permess mill-Provinċjal u mid-Definitorju biex fil-kunvent jibni kmamar biex jintużaw minnu [13] li fil-fatt inbnew [14]. Fl-1643 saru xi żidiet fil-bini tal-kunvent u tal-knisja, li għalihom ħareġ ħafna flus il-Gran Mastru Jean Paul Lascaris (1636-1657) [15].

Għall-manteniment tal-komunità tal-Furjana kien ħaseb il-Gran Mastru Verdala (1582-1595) kif semmejt fl-ewwel artiklu ta' din is-serje [16]. Din l-għajnuna kompliet tingħata mis-suċċessuri tiegħu [17]. Il-Gran Mastru Alof de Wignacort (1601-1622) kien ukoll benefattur tal-Patrijiet. Wara li bena l-akwadott (1610-1615) biex iwassal l-ilma sal-Belt Valletta, ordna li l-kunvent tal-Furjana kellu jieħu l-ilma mill-akwedott [18].

Iżda minnbarra dak li kienu jirċievu mill-Palazz u mill-Isptar ta' l-Ordni, il-komunità tal-Furjana kellha wkoll xi dħul ieħor. Dan kien jinkludi l-elemosina tal-quddies u ċ-ċirka. Meta kien hemm bżonn, bħal ma ġara wara t-terremoti li seħħew fi Sqallija fl-1643 u fl-1694, fl-1695 fuq talba tal-provinċjal, bdew jibgħatu numru ta' quddies lil sħabhom il-Patrijiet Sqallin li kienu fil-bżonn [19].

Taħt is-sena 1695, Patri Pelagju jsemmi ċ-ċirka (ġabra) għas-suf "cerca della lana". Din naturalment kienet issir biex mis-suf li jinġabar jinħadem l-ilbies tal-Patrijiet u Lajċi [20]. •

1. A.P.P.K.F. Cronica op.cit. p.21
2. Ibid. Ara per eżempju pp. 23, 29, 30, 35
3. Ibid. p.24
4. Ibid. pp. 33, 42, 44, 45, 46
5. Ibid. p.37
6. Ibid p 112
7. Ibid p.19
8. Ibid p.138
9. Ibid pp 39, 40, 41
10. Ibid pp 80, 81
11. Ibid p 19
12. Ibid p 29
13. Ibid pp 47, 48, 49
14. Azzopardi T. Il-knisja u l-kunvent tal-Kapuċċini tal-Furjana u l-Ordni Geroselimitan (Malta 1955) p 46
15. A.P.P.K.F. Cronica, op. cit p.76
16. Ibid pp 19, 20
17. Ibid
18. Azzopardi T. op.cit p.40, 41
19. A.P.P.K.F. Cronica op. cit p 120
20. Ibid



# 150 SENA MID-DEHRIET TAL-MADONNA F'LOURDES

Programm ta' quddies fis 6:30 pm
fil-Kappella-Grotta tal-Kapuċċini – Furjana

**Frar: 12 / 14 Mons. Pawl Cremona, Arċisqof**
**18 / 19 / 20 / 21 / 23 Mons. Mario Grech, Isqof**
**24 / 25 / 26 / 27 / 28**
**Marzu: 1 / 2 / 4 / 25**
**April: 7**
**Lulju: 16 / 19 Mons. Adeodato Micallef OCD, Isqof**
**Diċembru: 7 Fr Joe Alessandro OFMCap, Provinċjal.**



# Żewġ Kurrenti ta' Satanizmu (III)

**Dawk li jagħmlu parti mill-kurrent ta' sataniżmu impersonali jgħixu f'ċerta ambigwità. Huma jgħidu li ma jemmnux f'Alla, ma jemmnux f'Ġesù Kristu, fil-Knisja, fis-Sagramenti u l-qawwa tagħhom li ssalva, u fil-fatt lanqas jemmnu fl-eżistenza reali ta' Satana.**

Imma fl-istess ħin huma jduru lejn Alla biex joffenduh, iduru lejn Ġesù Kristu biex joffenduh u jduru lejn Satana biex isejħulu, jonorawh u jikkonsagraw lilhom infushom lilu! Fost dawk li jħaddnu s-sataniżmu impersonali nsibu "Il-Knisja ta' Satana" li ġiet imwaqqfa fit-30 ta' April ta' l-1966 f'San Francisco minn Anton Szander La Vey u li hija rikonoxxuta saħansitra legalment fl-Amerika. F'din il-'knisja' isir rit partikolari tal-quddiesa sewda li fiha jsejħu lil Satana bħala alla permezz ta' litanija ta' 77 isem tax-xitan. Forsi tistaqsi: kif jista' jkun li xi ħadd li jgħid li ma jemminx fl-eżistenza t'Alla, u lanqas f'dik ta' Satana, li ma jemminx fil-Knisja bħala istituzzjoni divina u lanqas fl-Ewkaristija, imbagħad jibbaża ħajtu fuq dak li 'ma jeżistix'? Din hija kontradizzjoni li La Vey jipprova jsolvi billi jwaqqaf dak li hu jsejjaħlu 'ir-rit tal-liberazzjoni'. Huwa jgħid li dan it-tip ta' kult sataniku jeħles lill-bniedem mill-jasar li bih għassritna l-Knisja minħabba l-indottrinament tagħha. Renè Laurentin fil-ktieb tiegħu Il demonio. Mito o realtà? jikteb hekk: **"Dawn ir-riti sagrileġi u bla sens jistgħu jiġu spjegati fuq livell psikoloġiku bħala forma ta' ħelsien? Minn naħa nistgħu ngħidu li hija hekk, imma l-ħajja perversa hija influwenzata mix-xitan u ġġib il-firma tax-xitan. Min jaqleb l-imħabba f'mibegħda u min jeqred fih innifsu ix-xbieha t'Alla, jipprova jikkalpesta x-xbieha t'Alla fl-oħrajn billi jbaxxi lill-oħrajn, ikun qed jagħmilhom 'ulied ix-xitan' permezz tad-dnub, kif jgħid l-evanġelju"** (Ġw.8:38 u 41).

Iż-żewġ kurrenti ta' sataniżmu għandhom elementi komuni fejn jidħlu r-riti, is-simboli u l-oġġetti li jintużaw għar-riti, bħas-salib bil-maqlub li jesprimi ċ-ċaħda tal-valuri universali li għandha bżonn l-umanità, il-paċi, il-fratellanza, it-tama u l-waqgħa ta' kull ħajt li jifred il-bnedmin. L-oġġetti l oħra bħal kalċi, tiżjin, ilbies, ecc, huma l-istess. Ix-xemgħat huma suwed, l-Ostja kkonsagrata tiġi wżata f'orġji sesswali. L-andament tal quddiesa sewda huwa, bejn wieħed u ieħor, l-istess rit tal-Knisja Kattolika. Ovvjament dak kollu li fil-quddiesa tal-Knisja Kattolika huwa ndirizzat lejn Alla, jiġi ndirizzat lix-xitan. Xebba għarwiena, possibbilment verġni (li tirrappreżenta l-ġisem li jrid jiġi sodisfatt fl-impulsi u l-istinti kollha tiegħu) tiġi wżata bħala artal. Fuq il-ġuf tagħha jiġu mpoġġija l-Ostji kkonsagrati li mbagħad jiġu profanati b'mod mill-aktar oxxen u sagrilegu.

Hawnhekk ta' min nagħmlu appell serju lill-awtoritajiet tal-Knisja anki f'Malta, lill-kappillani, saċerdoti u lajċi li huma ministri straordinarji ta' l-Ewkaristija biex nagħmlu attenzjoni kbira waqt it-tqarbin minħabba s-serq ta' l-Ostji kkonsagrati mill-knejjes tagħna. Jekk aħna tant inħarsu u nipproteġu u nagħmlu attenzjoni għal dak kollu li hu prezzjuż fil-knejjes tagħna (u hekk għandu jkun!) kemm aktar għandna ngħożżu, inħarsu u nipproteġu l-Ewkaristija Mqaddsa li hija l-istess Ġisem u Demm tal-Mulej tagħna Ġesù biex ma tiġix f'idejn dawk li jikkalpestawha waqt riti sagrileġi.



# It-Tarka u x-Xabla



## L-ISCREENING (2)

**Fil-ħarġa ta' Jannar 2008, semmejt li l-kunċett ta' l-iscreening huwa t-tiftix ta' kundizzjoni jew marda li għadha ma tidhirx jew tinħass. Iddiskutejt il-benefiċċji, kontroversji u l-problemi ta' dan il-proċess. Illum se nsemmi kundizzjonijiet speċifiċi u r-rakkomandazzjonijiet attwali.**

Uħud mill-iktar screening tests li jagħtu frott bl-inqas spejjeż huma dawk tad-dijabete, cholesterol u eżami għall-pressjoni għolja. Dawn ġeneralment jiġu offruti mit-tabib tiegħek waqt eżami ta' rutina perjodikament. Min ikollu minn dawn il-problemi fil-familja jeħtieġ jagħmel dawn iktar spiss. Jekk jinqabdu kmieni, jiġu evitati ħafna kumplikazzjonijiet 'il quddiem.

In-nisa familjari mal-pap smear test. Dan it-test jintuża biex ifittex ċelloli tal-kanċer tal-għonq ta' l-utru. Dan it-test għandu jibda fl-età ta' 21 sena jew tliet snin minn meta tibda l-attività sesswali, liema minn dawn jiġi l-ewwel. Isir kull sena għall-bidu, u wara t-30 sena kull sentejn jew tlieta jew kemm rakkomandat mit-tabib, sa l-età ta' 65 sena. Is-sena l-oħra bdiet tintuża tilqima biex jiġi evitat dan it-tip ta' kanċer. Tfajliet li jibdew l-attività sesswali kmieni u jkollhom iktar minn partner sesswali wieħed ikollhom riskju ikbar għal dan il-kanċer.

Tip ta' kanċer ieħor li nfittxuh qabel ma jidher huwa dak tas-sider. X-ray speċjali, mammogram, jista' jibda' jsir mill-età ta' 40 sena l-fuq, kull sena jew sentejn. Ma dan nistgħu nżidu li l-mara għandha titgħallem teżamina lilha nnifisha perjodikament, kif ukoll isir eżami kliniku tas-sider mit-tabib kull sena. Nisa li għandhom dan il-kanċer fil-familja għandhom joqogħdu iktar attenti. Kontroversji għadek issib fuq dan



is-suġġett, iżda l-kunsens attwali jidher li hu dan.

Ftit nies jafu li l-kanċer tal-musrana wkoll rakkomandat li jiġi mfittex qabel ma jagħti sintomi. Dawk l-iktar li għandhom riskju huma dawk li kellhom kanċer jew felul tal-musrana jew li għandhom dawn fil-familja. Testijiet li jistgħu isiru huwa test għad-demm fl-ippurgar, endoskopija jew barium enema (x-ray speċjali tal-musrana). Dawn isiru kif rakkomandati mit-tabib skond ir-riskju tiegħek.

Screening tal-kanċer tal-prostata fl-irġiel jinvolvi test tad-demm (*Prosate Specific Antigen*) u eżami tal-glandola tal-prostata mit-tabib. Biss għadu mhux ċar mill-istudji jekk dan it-tip ta' screening attwalment jgħinx biex tevita ħafna mill-effetti negattivi ta' din il-marda.

Persuni li huma f'riskju li jieħdu xi mard sesswali għandhom ikellmu lit-tabib sabiex jagħmlilhom xi screening tests jew jirriferihom il-Genito Urinary Clinic. Mard li jista' jittieħed minn kuntatt sesswali jinkludi l-HIV/AIDS, il-gonorrhea, is-syphilis, il-chlamydia (li tista' tirriżulta f'infertilità), il-Human Papilloma Virus (li jagħti kanċer ta' l-għonq tal-utru) u l-epatite fost oħrajn.

Hemm diversi kundizzjonijiet oħra li jsir screening għalihom. Dawn jinkludu l-kanċer tal-ġilda (melanoma), il-pressjoni għolja ġewwa l-għajnejn (glaucoma), u l-ostjoporosi. Maqbudin fil-ħin, interventi b'kura f'waqtha jistgħu jevitaw kumplikazzjonijiet.

Fl-aħħarnett, wieħed irid iżomm f'moħħu li dawn it-testijiet kollha jiswew il-flus. Kemm minn dawn it-testijiet isiru, kemm spiss u x'tip ta' testijiet jiddependi mir-riżorsi ta' l-individwu kif ukoll dak kollettiv tal-komunità. Infakkar ukoll li kull test jista' jimmarka illi jkun hemm problema fejn m'hemmx (False positive), jew ma jurix problema fejn hemm (False negative). Dawn huma limitazzjonijiet li jkollna naċċettaw. L-importanti hu li kull test li jsir irid dejjem jiġi interpretat fid-dawl tas-sitwazzjoni klinika.

Għalhekk, mingħajr ma wieħed jinkwieta żżejjed fuq mard li jista' ma jeżistix, ikun tajjeb li dan is-suġġett jiġi diskuss mat-tabib tiegħek sabiex jara il-bżonnijiet tiegħek personali biex tibqa' b'saħħtek.

**Nixtieqlek is-saħħa. •**

***Jekk għandek xi diffikultà fuq x'informazzjoni li sibt f'dan l-artiklu, ikun siewi li tkellem lit-tabib tiegħek sabiex tiċċaraha.***

# IR-RELAZZJONI BEJN IL-BNIEDEM U N-NATURA FIL-MEDJU EVU (II)



Fil-medju evu nsibu li l-kultura pagana kienet għadha minn ta' quddiem fil-fehma li l-bniedem huwa insepparabbli min-natura. F'dawk iż-żminijiet kienet ħaġa naturali għall-bniedem li jippersonifika l-ħolqien, saħansitra li jagħtih libsa sopranaturali. Għalhekk kien att pervers li l-bniedem jmur kontra din in-natura li hi ħaġa waħda ma' l-ispirtu tiegħu u jasal sabiex jeqridha. Sfortunatament, illum inħarsu lejn in-natura bħala element esterjuri, daqs li kieku qed naraw pajsaġġ li sempliċiment ipaxxi s-sensi.

Filwaqt li f'dawk iż-żminijiet San Tumas t'Aquino jqiegħed lil Alla bħala l-valur assolut, huwa jagħmel dan billi jagħti valur relattiv lin-natura u dak ta' madwarha. Skond it-tagħlim tiegħu, Alla jagħti tant importanza lill-bniedem illi ħalqu skond ix-xbieha tiegħu u qiegħdu fiċ-ċentru ta' l-univers sabiex jiddomina skond il-ħtiġijiet tiegħu. San Tumas jissokta jgħallem li d-dinja materjali m'hi xejn ħlief il-pjattaforma minn fuq xiex il-bniedem jakkwista s-salvazzjoni.



Kien hawn li x'aktarx il-Kristjaneżmu introduċa, għall-ewwel darba, żbilanċ fir-relazzjoni bejn il-bniedem u n-natura, bir-riżultat li tispiċċa t-tradizzjoni animista tan-natura. Dan jispjega dak kollu li ġara fis-sekli ta' wara permezz tal-progress teknoloġiku, u fl-istess ħin il-kontroll tal-bniedem fuq in-natura. Nistgħu wkoll nifhmu għaliex permezz ta' dan it-tagħlim naraw aktar użu u espansjoni ta' l-art għal skopijiet agrikoli u urbanistiċi tal-bliet medjevali.

Permezz tal-progress teknoloġiku li sar matul il-medju evu, l-Ewropa setgħet taħkem ukoll l-ibħra u magħhom il-konkwist ta' artijiet ġodda. Xi wħud jaħsbu li l-progress teknoloġiku huwa marbut mal-bidla fil-mentalità dwar ir-relazzjoni bejn ix-xogħol tal-bniedem u n-natura, fejn l-użu tan-natura sabiex tgħajjex il-bniedem baqgħet tissokta b'ritmu mgħaġġel. Għalkemm dan il-progress teknoloġiku kien jinħass sew, naqraw li l-ekosistema xorta waħda baqgħet waħda integra, u dan għaliex din it-teknoloġija kienet waħda primittiva.

Tajjeb nosservaw li qabel iż-żminijiet medjevali, is-soċjetà Rumana u oħrajn kienu jħaddnu, fost kunċetti oħrajn, dik li nsejħulha l-"Liġi Naturali". Din il-liġi kienet tagħti ordni etiku u morali bilanċjat lill-ħolqien, inkluż il-bniedem. Għal-liġi Rumana, per eżempju, dan il-qafas morali kien jirrikonoxxi dawk l-istinti u emozzjonijiet li huma komuni kemm għall-bniedem kif ukoll għall-annimali, bħal ngħidu aħna l-istint ta' preservazzjoni u mħabba għall-frieħ jew l-ulied. Għalhekk, din il-Liġi Naturali kienet titqies bħala waħda universali, eterna u instintiva; hija 'l fuq mid-drittijiet tal-bniedem u l-liġijiet tiegħu għaliex hija ġejja direttament mill-ħallieq.

Kienet l-eżiġenza li jagħti xbieha lin-natura, hekk kif fil-ġenesi Alla għamel xbieha tiegħu nnifsu fil-bniedem, li San Franġisk sejjaħ ix-xemx, il-qamar, il-kwiekeb, ir-riħ, l-ilma u n-nar bħala l-ħamest aħwa tiegħu, u d-dinja bħala ommu li tagħtina u żżomna ħajjin permezz tal-frott bnin tagħha. San Franġisk kien l-ewwel konservazzjonist, fejn naqraw li għandna nħobbu s-siġar u li għandna noqogħdu attenti li naqtgħu biss il-friegħi u mhux is-siġra kollha sabiex din tkun tista' terġa' tieħu r-ruħ u ttella' friegħi ġodda.

Iżda San Franġisk imur pass aktar 'il quddiem. Dan l-animiżmu tan-natura jinħass tant ħaj fih illi dan il-qaddis kien iħoss li għandu jitlob għal diversi elementi tan-natura sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu salvati, daqs li kieku huma mogħnija bir-ruħ. Il-qaddis jagħmel dan mingħajr ma jqiegħed il-ħolqien fuq l-istess livell mal-ħallieq. Ħafna studjużi jgħidu li dan il-ħsieb Franġiskan ibbilinċja mhux ftit l-impatt li ħalla warajh it-tagħlim ta' San Tumas D'Aquinu.

Għal bosta studjużi, il-medju evu jirrappreżenta ċerta perplessità. Naqraw li l-bniedem jistagħġeb bin-natura, waqt li fl-istess ħin jużaha u jaħdimha. Filwaqt li jibża' mill-boskijiet u l-foresti u l-annimali feroċi li jinsabu fihom, huwa jimmansahom u jikkaċċjahom; jeżerċita d-dritt ħieles li jagħmel dan waqt li joqgħod għal-Liġi Naturali •



# L-ELEZZJONI MAGĦNA! (I)

**Qed nagħmel kambjament minn dak li jiena ħsibt u kkommettejt ruħi li nikteb dwaru fl-artiklu ta' llum. Però jkolli nistqarr li mill-aspetti varji u espansivi tal-liġi fil-fond ta' qalbi għandi niċċa żgħira li fiha nagħmel ftit tal-preferenzi u f'din in-niċċa minn dejjem kelli fiha l-liġi elettorali. Infatti anki t-teżi tiegħi tad-dottorat kienet titratta din it-tema. U billi l-pajjiż miexi bil-mod lejn Elezzjoni Ġenerali li skond il-liġi trid tissejjaħ fl-2008, jien ma nixtieqx nitlef din l-opportunità u nitkellem dwar dan is-suġġett li huwa tant għal qalbi. F'dan il-każ, biex inkun ċar mill-bidu, jien mhux se nidħol f'kontroversji politiċi, u mhux se nidħol dwar dak il-partit jew dwar l-ieħor jew dwar x'qed jgħid dak u l-ieħor, imma se nitfa' ftit tad-dawl fuq il-proċess elettorali tagħna per se u kif dan jiffunzjona u x'riżultati wieħed jippretendi minnu.**



L-ewwelnett wieħed għandu jifhem li l-proċess elettorali tagħna jsir f'kuntest demokratiku. Din l-aħħar kelma, li l-ħin kollu tintuża' minn kull politikant mad-dinja kollha, xi tfisser verament? Il-kelma demokrazija, f'sistema ta' gvern tfisser tmexxija diretta minn nies u mhux minn xi re, imperatur, dittatur jew minn xi klikka ta' nies. Di fatti ħafna mill-pajjiżi li jħaddnu sistema demokratika jkunu wkoll pajjiżi repubblikani bħal Malta tagħna fejn il-ħwejjeg fil-pajjiż ikunu wkoll jappartjenu lin-nies. Tmexxija minn nies għan-nies!

Naturalment mhux prattiku li l-erba' mitt elf Malti jingħata il-poter, li ġurnata b'ġurnata jmexxu l-pajjiż. Li kieku jkun il-każ tirrenja l-konfużjoni għax tista' tgħid li kull persuna jkollha opinjoni differenti mill-oħra u żgur li xejn ma jsir progress. B'hekk is-sistema demokratika ta' tmexxija tal-pajjiż żviluppat sistema li biha n-nies minflok jpoġġu direttament huma fis-siġġu tal-poter u jieħdu d-deċiżjoni direttament huma, jappuntaw, permezz ta' elezzjoni, grupp ta' nies żgħir, li jkunu qed jirrappreżentaw il-bqija tal-poplu. Għalhekk id-deputati tal parlament ngħidulhom rappresentanti għax ir-rwol tagħhom mhu xejn ħlief ta' nies li qed jidhru għan-nom tal-pubbliku ġenerali. Din hija l-istess bħal meta wieħed jagħmel prokura. Dak li jagħti l prokura għandu l-poter u qed jappunta lil xi ħadd biex jidher għalih u, cioè qed jagħtih mandat jew aħjar qed jafdah bid-drittijiet tiegħu. Dan ifisser li l-politiċi li jiġu eletti fil-parlament huma rappreżentanti jew mandatarji tagħna l-poplu u s-saħħa biex dawn jirrappreżentawna toħroġ mill-vot u għalhekk mill-elezzjoni li teleġihom.

Jiġifieri wieħed jista' jgħid li s-sistema demokratika, kif tiġi pprattikata f'ħafna mill-pajjiżi madwar id-dinja, inkluż f'Malta, hija tmexxija minn nies permezz ta' vot li jiġi darba kull ħames snin. B'hekk il-poplu jkun front line biss, darba kull ħames snin. B'hekk wieħed għandu japprezza kemm huwa importanti dak il-mument meta wieħed ikun qed jitfa' il-vot fil-kaxxa. F'dak il-mument ir-riegni tal-pajjiż ikunu direttament f'idejna.

Għalhekk is-sistema elettorali, li hija s-set ta' regoli li jirregolaw 'il kif u 'l meta ssir elezzjoni, hija ta' importanza liema bħala għax jaffettwaw direttament kif u minn min se jitmexxa l-pajjiż. Kif se naraw fl-artiklu li jmiss jeżistu aktar minn sistema waħda u kull sistema tista' tagħti riżultati differenti u li allura anki l-għażla ta' liema sistema elettorali pajjiż juża' hija għażla importanti. •



Patri, jiena raġel li naħdem fuq il-baħar. Nagħmel żmien twil imbiegħed minn marti u mill-familja tiegħi. Lil marti naduraha, biex ngħid hekk. 'L uliedi, m'hemmx għalfejn ngħidlek, inħobbhom b'imħabba li ma nistax inkejjilha. Il-problema tiegħi qiegħda hawn: meta nkun 'il bogħod minn marti u mill-bqija tal-familja tiegħi, jaqbduni dwejjaq kbar speċjalment nhar ta' Sibt, il-jum li fih konna żżewwiġna. Nibda nħossni waħdi u bħal taqbadni depressjoni. Ngħidlek il-veru ma nkunx nista' neħles minnha. F'dawn il-mumenti, diżgrazzjatament, possibbiltà waħda biss nara li tista' tikkalmani u ġġibni f'posti: li malli ninżlu f'xi port, immur infittex burdell bit-tir li nsib persuna u nistħajjilha daqslikieku kienet il-mara tiegħi. Qed nagħmel tajjeb jew ħażin? Għandi nkompli nagħmel hekk, ġaladarba jaqbduni dwejjaq kbar u, ġieli, anki disperazzjoni? Tajjeb tkun taf li, fl-istess ħin, ix-xogħol fuq il-baħar jogħġobni u ma narax possibbiltà oħra li nbiddlu jekk mhux bi ħsara għalija. Grazzi.

# Patri William iwieġeb...

*Nista' nifhem xi ħaġa x'jiġifieri taħdem fuq il-baħar bħala raġel miżżewweġ, għax missieri kien baħri u kien jagħmel xhur fuq il-baħar imbiegħed minn ommi u minn sitt uliedu. Meta kien jirritorna kont nara bidla fih u anki f'ommi fejn kienu jidħlu r-relazzjonijiet ta' bejniethom. Il-miżżewġin huma maqtugħin biex jgħammru flimkien u mhux biex igħixu 'l bogħod minn xulxin b'mod regolari. Imma l-imħabba lejn il-familja ġġagħlek tagħmel kollox, anki dak li jmur kontra qalbek.*

*Nifhimha li meta tkun imbiegħed minn martek u minn uliedek tħoss ċerti dwejjaq, iżjed u iżjed f'dik il-ġurnata li tfakkrek f'jum it-tieġ tiegħek. Iżjed ma tkun ħaġa waħda ma' martek, iżjed u iżjed tħoss il-firda tagħha. Imma dan huwa sinjal sabiħ ħafna. Ifisser li inti ġġorr lil martek miegħek anki fuq xogħolok. Tkun magħqud ħaġa waħda magħha fl-ispirtu. Din ħaġa kbira tassew!*

*Dak li ma naqbilx miegħek huwa l-mod kif qiegħed tirraġuna. Naħseb li inti bħala raġel ta' l-affari tiegħek ma tridx tħalli n-niket tal-firda temporanja minn martek twaqqgħek f'depressjoni, li tħalli l-konsegwenzi tagħha fuqek. Imbagħad ma tridx tħalli d-depressjoni ġġagħlek tasal għall-konklużjoni li, biex jgħaddilek bilfors trid tmur tfittex postijiet tad-dnub. Dan ma tistax tagħmlu u lanqas jaqbillek tagħmlu. Id-dwejjaq trid titgħallem tneħħihom mod ieħor. Ara inti kif. Ma tistax tmur f'post tal-prostituzzjoni u tfittex mara tad-dnub u jkollok intimità magħha għax tisthajjilha daqslikieku kienet il-mara tiegħek. Dan proprjament huwa adulterju, dnub ikrah ħafna. Nemmnek li tagħmel hekk għar-raġuni li semmejt inti stess. Imma tinsiex li l-urge sesswali fir-ragel tant huwa qawwi li kapaċi jilgħab bih inkonxjament. Għandu ħabta jsib mitt elf skuża biex jiġġustifika ruħu u jieħu dak li mhux suppost jieħu. Il-bniedem huwa magħmul hekk sesswalment. Inti ma tridx tħallih jaqlibhielek, jekk hu l-każ.*

*It-tentazzjoni qiegħda hemm, imma inti trid tidra tirbaħħa b'mod jew ieħor, inkella ddgħajjef l-għola valur tal-ħajja miżżewġa: il-fedeltà fiż-żwieġ, avolja inti ma tkunx qed tfittex il-post li semmejt bi skopijiet ħżiena. Attent kif tirraġuna. Jekk titlaq ħażin fir-raġunament tiegħek, tasal għall-konklużjoni ħażina wkoll. Dan qed ngħidu għax inti stess għamiltha ċara biżżejjed li mhux bi ħsiebek tħalli x-xogħol fuq il-baħar, għax jogħġbok. Ma' din id-deċiżjoni tiegħek irid ikunhemm ukoll deċiżjoni oħra li inti tissaporti ftit id-dwejjaq li jaqbduk, ħalli ma ssibx ruħek mit-taġen għal ġewwa n-nar.*

*Meta tidħlu ġo xi port u tħossok miġbud biex tmur fejn għedtli, inġabar fil-gabina tiegħek – agħmel ftit sagrifiċċju – ħares lejn ir-ritratt tal-mara tiegħek, qis kemm tħobbok u kemm tinsab moħħha fik, ħalli tħossok imsaħħaħ kontra d-dnub. Irrealizza li ftit żmien ieħor se terġa' tiltaqa' magħha u x'ferħ tħoss meta tiftakar li tkun bqajt fidil lejha fl-iebes tal-ħajja. Issir iżjed tħobbha. Il-fedeltà fiż-żwieġ tissaħħaħ fir-rjieħ kuntrarji għal xulxin.*

*Terġa' u tgħid, meta tirritorna Malta tkompli tkun ferħan għax tiftakar li bil-kontroll emozzjonali u sesswali tiegħek kont ta' eżempju għal sħabek, li żgur għandhom bżonnu . Jekk tfittex prostituta, dawn b'mod jew ieħor żgur jindunaw bil-mawriet tiegħek minn taħt u ma tkunx ta' għajnuna għalihom. •*

# Bla Kundizzjoni

**minn Lawrence Attard**

Imħabbti għalik
bħal xrara ta' nar,
bħall-ġmiel ta' l-inwar
fi ftuħ ir-rebbiegħa,
għalik, għalik biss.

Bħal pittur
jorqom ġmiel il-fjur
fuq tila....
hekk l-għanja ta' mħabbti
għalik
togħla 'l fuq fis-smewwiet
qalb is-sħab griż,
u r-raġġi tax-xemx għajjiena
ta' filgħaxija.

Melodija unika,
storja differenti
minn ta' sħabi...
imħabbtek dejjem preżenti
f'xita bikrija jew nixfa qalila,
f'kull forma u sura
lil hinn minn dak
li moħħ ċkejken jista' jaħseb u jifhem.

Tgħannieqa
bla bidu, bla tmiem...
imħabbtek għalija
tul din il-mogħ]dija mserrpa;
inħares 'il fuq
lejn kowkba bil-lejl,
dawl ċkejken li jikser,
id-dalma u ċ-ċpar
u l-kesħa tax-xitwa.

Hekk hija mħabbtek –
għall-iben
li jsib 'il missieru mill-ġdid;
għall-misteru
li fih inħlaqt jien;
għal ħanin
bla tarf il-mogħdrija;
għall-arja
li nfittex malli nitla' mill-ilma;
għall-balzmu
li jdewwili l-ġrieħi tal-mard tiegħi;
għall-barka
li biha ħarstek tberikni kuljum;.
għall-anġlu kustodju,
li tajtni b'rigal,
b'ħarsien ta' ġismi u ruħi.

Għalik, għalik biss
hi l-ħrara ta' mħabbti,
titliegħeb fi ħdan is-smewwiet;
din hi l-melodija
f'kull għodwa bikrija;
id-dawl fil-mogħdija
li jgħib fuq ix-xefaq
ta' kull filgħaxija.

# L-EWWEL KAPPILLANI FL-ISPTAR MATER DEI




Nhar it-Tnejn 29 ta' Ottubru sar it-trasferiment tal-kurċifiss storiku u prezzjuż li għal dawn l-aħħar ħamsin sena kien jiddomina l-kappella ta' l-isptar San Luqa lejn l-isptar Mater Dei. Din il-biċċa xogħol saret b'attenzjoni u b'għaqal kbir mill-kumpanija Transpak Overseas Removals Ltd taħt id-direzzjoni tas-Sur William Vella. Il-kontejner li ġarr il-kurċifiss kien skortat minn żewġ pulizija fuq il-muturi. Dawn kienu ġentilment mibgħuta mill-Assistant Kummissarju ta' l-isptar biex jakkumpanjawh lejn l-isptar il-ġdid.

Meta l-kurċifiss wasal l-isptar Mater Dei kien hemm jistennewh l-għola awtoritajiet tad-Dipartiment tas-Saħħa. Is-Segretarju permanenti fid-Dipartiment tas-Saħħa, is-Sur Frank Mifsud, għamel kelmtejn fuq kemm huwa prezzjuż il kurċifiss u kemm huwa importanti u xieraq li jkun għall-qima tal-pazjenti, qraba u mpjegati ta' dan l-isptar il-ġdid. Semma wkoll b'emfażi ta' apprezzament il-ħidma li jwettqu l-Patrijiet Kapuċċini fl-isptarijiet. Miss Marion Rizzo, CEO ta' l-isptar, għamlet ukoll kelmtejn. Bħala għeluq ta' din iċ-ċerimonja wieħed mill-Aħwa Kapuċċini, Patri Bernard Mangion, mexxa mument ta' talb.

It-Tnejn 12 ta' Novembru beda t-trasferiment tal-morda mill-Isptar San Luqa għal dak ta' Mater Dei. Kienet biċċa xogħol oħra diffiċli, imma saret b'attenzjoni kbira u b'impenn minn kulħadd. Fl-istess ġurnata tat-trasferiment tal-morda telgħu wkoll tnejn mill-Patrijiet ta' l-Isptar San Luqa biex jagħtu s-servizz tagħhom lill-morda li bdew jaslu l Mater Dei. Dawn kienu Patri Bernard Mangion u Patri Manwel Abela. Is-Sibt ta' wara, 17 ta' Novembru, ingħaqad magħhom Patri Mario Attard. Il-ġimgħa ta' wara ngħaqdu magħhom il-bqija tal-Patrijiet Kappillani: Anton Ciangura, Mario Borg u John Vella. •



# ISMI MNAQQAX F'IDEJH

**Kien live-in spiritwali għall-aħħar dak li ġie organizzat mill-Gi.Fra Floriana bejn il-Ġimgħa 7 u l-Ħadd 9 ta' Diċembru 2007 fir-Rivotorto, Birkirkara. Kienet okkażjoni ta' riflessjoni u tisħieħ tal-fidi. Il-mistieden ewlieni kien Alla.**

Il-ġranet kienu mżewqin b'diversi attivitajiet u kollox kien programmat f'ħinu. L-ispiritwalità kienet il-kult ta' dawn l-attivitajiet, għalkemm ma naqsux attivitajiet oħra ta' divertiment, anki sabiex il-grupp jissaħħaħ u jsir jaf aktar lil xulxin.

Attività li laħqet dan il-għan kienet il-kompożizzjoni tal-puzzles. Il-grupp ġie maqsum f'erba' timijiet u kull tim kellu jlesti l-puzzle li kien għażel f'dawk it-tlitt ijiem. Ma kinitx xi ħaġa faċli għax dawn il-puzzles kienu komposti minn għadd ta' biċċiet. Iżda f'din l-attività dehret l-għaqda u l-ħbiberija bejnietna għaliex kulħadd għen lil xulxin, anki lil dawk tat-tim oppost. Dħakna u ħadna gost nagħmluhom u flimkien b'sodisfazzjon ilħaqna l-għan tagħna li nlestuhom.

L-ewwel lejl tagħna għaddejnieh mal-Mulej. Kull persuna kellha kwarta ċans titkellem m'Alla waħedha matul il-lejl fil-kappella. Kienet esperjenza mill-isbaħ! Esperjenza li tibqa' ġġorr f'qalbek għal żmien twil. Forsi lanqas biss nirrealizzaw li bil-ħajja li għaddejjin illum lanqas biss nieqfu mqar kwarta nitkellmu mal-Mulej weħidna. Forsi lanqas nirrealizzaw li Alla qiegħed jistenniena kontinwament, ikun x'ħin ikun, anki filgħaxija. Forsi lanqas biss naħsbu li Alla lest jismagħna, jifhimna, jagħdirna u jaħfrilna. Alla huwa l-aqwa ħabib li qatt jista' jkollok. Għalhekk kellna wkoll il-waqt fejn erġajna rrikonċiljajna mal-Mulej. Kellna ħin għall-qrar, fejn tħoss paċi mill-ġdid f'qalbek u tara l-vera mħabba li Alla għandu għalik. Wara għall-għeluq irċevejna lil Kristu fit-tqarbin f'quddiesa animata minna ż-żgħażagħ stess, fejn kulħadd ta s-sehem tiegħu. Għalija personalment kienet esperjenza li ħallietli mpatt kbir f'ħajti għaliex erġajt bnejt il-bażi għall-għaqda tiegħi m'Alla. Erġajt sibt skop għalxiex ngħix. Erġajt sibt dik l-Imħabba li għal ftit żmien ħsibt li mhix qiegħda hemm.

Dan kollu kien possibbli grazzi għal Br Vince Axiaq li jmexxi dan il-grupp, flimkien mal-kunsill li jgħinu jagħmel dawn l-attivitajiet b'suċċess. Inħeġġeġ lil żgħażagħ oħra jidħlu f'din l-Għaqda ħalli jesperjenzaw 'l Alla direttament, bil-fidi, bil-kuraġġ u bl-imħabba li bejnietna bħala grupp nagħtu lil xulxin. •





# U INTI...

Għeżież żgħażagħ, għalikom illum għandi stedina speċjali: AĦSUBHA SEWWA. Ifhmu li qed inkellimkom fuq ħwejjeġ għoljin ħafna. Qed inkellimkom fuq il-konsagrazzjoni ta' ħajja sħiħa għall-qadi ta' Alla u tal-Knisja tiegħu.

Qed inkellimkom fuq il-konsagrazzjoni magħmula b'fidi qawwija, wara ħafna ħsieb, bla ebda sfurzar, b'ġenerożità kbira, lesta tilqa' kull xorta ta' tiġrib, u bla ebda ħsieb li wieħed jerġa' jibdielu. Il-Mulej isejjaħ u dejjem ikun hemm min iwieġeb. Intom ukoll għandkom tfittxu li tisimgħu leħen il-Mulej. Imdawwlin mill-fidi, ħabirku biex tifhmu l-pjan ta' Alla għas salvazzjoni tad dinja.

Naf li hemm ħafna xi jħawwadkom fid-dinja ta' llum.



U għalhekk nistedinkom taħsbuha sewwa. Iftħu qalbkom għal-laqgħa ferrieħa ma' Kristu Rxoxt. Ħallu l-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu taħdem fikom u ddawwalkom. Ħudu parir. Il-Knisja ta' Kristu teħtieġ il-ħidma tagħkom għax hemm ħafna x'isir. Jien u nkellimkom fuq il-vokazzjoni u nistedinkom taqbdu din it-triq, jiena m'iniex ħlief il-qaddej umli ta' dik l-imħabba li ġiegħlet lil Kristu isejjaħ lid-dixxipli biex imorru warajh.

F'dan il-messaġġ sabiħ tal-Papa Ġwanni Pawlu II dwar il-vokazzjoni għall-ħajja saċerdotali u reliġjuża juri b'mod sempliċi l-ingredjenti kollha li wieħed jeħtieġ biex jilqa' l-istedina tal-Mulej. Hija l-inizjattiva tal-Mulej li jsejjaħ lil min irid, u b'mod ħieles, b'qalb miftuħa hemm għażla li taċċetta jew le. Hija sfida quddiem kull persuna li l-Mulej issejjaħ biex tkun kollha kemm hi propjetà tal-Mulej. Hija sfida għaliex trid tpoġġi l-fidi quddiem il-biża' li ngħid iva, li irrid nitlaq kollox biex naqdi lil Mulej, li miniex kapaċi, qtiegħ il-qalb u ħafna affarijiet oħra li jżommu milli nintelaq f'idejn il-Mulej li għażilni.

Iżda meta l-Mulej jsejjaħ jagħti l-mezzi kollha biex nasal għal din l-għotja sħiħa. Nagħraf li miniex kapaċi li ngħix il-ħajja saċerdotali u reliġjuża, iżda l-Mulej jagħmilni kapaċi għax hu sejjaħli u għażilni. Il-Mulej irid l-iva tiegħi u l-bqija nħalli kollox f'idejh. It-telqa totali tiegħi f'idejn il-Mulej hija għodda kbira biex il-Mulej jużani kif jixtieq hu. Jekk inħarsu ftit lejn il-Bibbja nindunaw li Alla sejjaħ persuni li f'għajnejn il-bnedmin ma kinux għorrief u ta' status fis-soċjetà, iżda Alla ħares lejhom u għażilhom u afdalhom missjoni biex ikunu rappreżentanti tiegħu fuq din l-art. Fl-Antik Testment inħarsu lejn Mosè li qal lil Alla li ma kienx kapaċi għax kien ilaqlaq, iżda Alla għamlu kapaċi. Abram, li Alla qallu biex jitlaq minn artu għall-art li kellu jurih. Il-profeti li kienu ħabbara tal-Mulej u oħrajn. Fil-Ġdid Testment naraw lil Marija li quddiem l-anġlu tħawdet, iżda għamlet dak kollu li ried minnha Alla anki jekk ma fehmitx kif ikun dan. L-appostli li ħafna minnhom kienu sajjieda sejħilhom biex ikunu miegħu u jkomplu l-ħidma ta' Ġesù fost il-bnedmin.

Dawn kollha aċċettaw is-sejħa tal-Mulej u marru warajh.
**U inti...?** •

# PIETRU

## XHIEDA ĦAJJA LI L-FIDI MHIX XI MARĊ TRIJUNFALI

**Kien jismu Xmun. Kien iben Ġwanni u kien twieled f'Betsajda, belt fit-tramuntana fuq l-għadira Ġenażaret. L-Appostlu Andrija kien ħuh. L-Appostlu Filippu kien mill-istess belt tiegħu. Xmun mar jgħix f'Kafarnaum flimkien mal-kunjata, imma fid-dar tiegħu. Kittieb ta' żmienu, Klement ta' Lixandra, jgħid li kellu t-tfal u li martu sofriet il-martirju. Xmun, li kien sajjied fuq l-għadira Ġenażaret, kellu d-dgħajsa tiegħu u kien iġaħġaħha mhux ħażin.**

Il-Q.T. Benedittu XVI jgħidilna li Pietru hu l-aktar persuna magħrufa u li tissemma fit-Testment il-Ġdid. Fih kellu dik ix-xiħaġa reliġjuża tant, li flimkien ma' ħuh Andrija, mar il-Ġudea jisma' l-priedki ta' Ġwanni l-Battista. Kien Lhudi li kien jemmen bis-sħiħ li Alla kien mal-poplu tiegħu. Il-Papa jfakkarna li, skond l-Evanġelju, Pietru kien wieħed mill-ewwel erba' dixxipli ta' Ġesù li magħhom ingħaqad ieħor biex, skond id-drawwa, ir-Rabbi jkollu ħames dixxipli. Kif ilkoll nafu Kristu ma waqafx hemm, wera l-ħsieb tal-missjoni tiegħu li ġie biex jiġbor lil Iżrael eskatoloġiku ssimbolizzat minn numru tnax, u minn ħamsa tellagħhom għal tnax... in-numru tat-tribujiet ta' Iżrael.

Il-Papa jagħtina stampa ċara ta' Pietru: **"Fl-Evanġelji Xmun jidher b'karattru qawwi u impulsiv, lest li juri l-opinjonijiet tiegħu u li jinħassu, anki bil-forza... Fl-istess waqt, kultant jidher x'aktarx inġenjuż u beżżiegħ, imma fl-istess waqt onest u kapaċi li jkun sinċier fl-indiema tiegħu."**

Ilkoll nafu li Pietru, bħal l-biċċa l-kbira tal-Lhud, ried Messija Divin lest biex jaqta' xewqet il-poplu billi jimponi l-qawwa tiegħu fuq kulħadd. Madankollu, kif jgħallimna l-Papa, Ġesù ppreżenta lilu nnifsu bħala 'Alla uman' li jaqleb ta' taħt fuq l-aspettazzjonijiet tal-folol billi jagħżel it-triq ta' l-umiltà u tat-tbatija...xi ħaġa li Pietru tgħallem xi tfisser meta tgħid 'timxi wara Kristu' ... u kompla wara l-passi tiegħu.

Għalina Pietru hu mera ta' fidi, ta' tama, u ta' mħabba. Pietru hu aħna bid-dgħjufijiet kollha tagħna. X'ma xtaqx, x'ma wiegħedx, x'ma għamilx li kontinwament nagħmlu aħna? Hawnhekk Benedittu XVI ifakkarna li l-mirakli tal-ħobż u tal-ħut ma kinux fis-sens ta' xi renjant fuq Iżrael kif ħasbu l-folol, imma fis-sens li tagħti lilek innifsek, bis-salib u mas-salib, il-Ħobż Ewkaristiku, il-mod ġdid, mod li qatt ma kien mistenni biex issir Re.

Ilkoll nafu x'ġara wara li Ġesù Kristu qam mill-imwiet. Id-djalogu bejn Pietru u Ġesù li l-Papa Benedittu jurina li hemm użu tajjeb tal-verbi Griegi...*fileo* li turi mħabba ta' ħbiberija delikata imma mhux sħiħa, u l-verb *agapao* li juri mħabba bla ebda riżerva, sħiħa u bla ebda kundizzjoni.

Pietru kien fehem li l-imħabba fqira tiegħu, dik li kien kapaċi joffri, kienet biżżejjed għal Ġesù, qisu Ġesù adatta ruħu għal Pietru, flok Pietru għal Ġesù. U lkoll nafu xi jfisser Pietru u x'inhu Pietru għall-Knisja li waqqaf Ġesù.



Kemm timliena b'qawwa u b'tama ta' salvazzjoni l-fidi tagħna meta tkun sinċiera u nemmnu fi Kristu u nagħmlu ħilitna biex nimxu warajh minkejja d-dgħjufija tagħna. •



# IL-BOLOL TA' MALTA (4)

## IR-RABA' ĊENTINARJU TAL-BELT VALLETTA







Wara li spiċċa l-Assedju l-Kbir ta' l-1565, id-difiża ta' Malta kienet f'qagħda ħażina ħafna. Il-Gran Mastru La Valette kien deċiż li jibni belt li tkun tiflaħ għall-attakki li qatt jistgħu jerġgħu jagħmlu t-Torok fuq il-gżira. Huwa talab l-għajnuna tal-Papa Piju V u tal-prinċpijiet Kattoliċi li kienu pronti bagħtu l-flus u l-appoġġ tagħhom. Il-Papa anke bagħat il-perit magħruf Francesco Laparelli da Cortona li ħadem flimkien mal-bravu Ġlormu Cassar biex jiddisinjaw belt ġdida. Il-Gran Mastru ordna li x-xogħol jibda mill-ewwel għax kien hemm ix-xniegħa li t-Torok kienu reġgħu ġejjin. Kien il-Ħamis 28 ta' Marzu 1566 li quddiem folla ta' Maltin u Kavallieri, La Valette qiegħed l-ewwel ġebla tal-belt li kellha ġġib ismu.

Dan ir-raba' Ċentinarju tal-Belt Valletta tfakkar mill-Posta Maltija fit-28 ta' Marzu 1966 permezz ta' ħames bolol tassew sbieħ, xogħol il-Kavallier Emvin Cremona. Taż-żewġ soldi (2d) turi l-Gran Mastru La Valette, tat-3d lill-Papa Piju V, tas-6d turi l-pjanta tal-belt Valletta, tax-xelin (1/-) turi lill-perit Francesco Laparelli, filwaqt li taż-2/6 turi lill-Malti Ġlormu Cassar wieqaf quddiem il-pjanta tal-Katidral ta' San Ġwann.

## IL-PRESIDENT JF KENNEDY




John F Kennedy twieled fl-1917 u kien l-iżgħar President li qatt kellhom l-Istati Uniti ta' l-Amerka u anke l-ewwel Kattoliku li laħaq f'din l-ogħla kariga. Bħala l 35 President ta' l-Amerka (1961-63) huwa sab ma' wiċċu waħda mill-ikbar kriżijiet tal-gwerra bierda mar-Russja u Kuba u l-fjask tal-Bay of Pigs kontra r-reġim ta' Castro, fost inkwiet ieħor. Sfortunatament huwa ġie assassinat minn Lee Harvey Oswald huwa u jżur Dallas, qtil li l-motiv tiegħu għadu misteru sa llum. Iżda fiż-żmien qasir li laħaq għamel bħala President, Kennedy sar maħbub mill-poplu ta' dan il-pajjiż kbir u ismu jibqa' mfakkar bħala wieħed mill-aqwa Presidenti Amerikani. Iż-żewġ bolol sbieħ tat-3d u tax-1/6 li ħarġu fit-28 ta' Mejju 1966 juru wiċċ il-President bi sfond tal-Kennedy Grove fejn hemm miktub waħda mill-frażijiet tiegħu li baqgħet dejjem popolari: "Tistaqsix x'jista' jagħmel il-pajjiż għalik. Staqsi x'tista' tagħmel int għal pajjiżek." Din il-frażi tgħodd għalina l-Maltin ukoll.

## L-GHAXAR FIERA TAL-KUMMERĊ




Fl-1949 il-Kamra tal-Kummerċ u l-Federazzjoni ta' l-Industriji Maltin organizzaw wirja industrijali biex jikkommemoraw l-ewwel ċentinarju mit-twaqqif tal-Kamra tal-Kummerċ. Minn hawn ħarġet l-idea li jibdew jorganizzaw fiera nazzjonali kull sena li għall-ewwel bdiet issir fil-ġonna ta' Sant'Anton. Wara xi żmien twaqqfet korporazzjoni biex tieħu ħsieb din il-fiera annwali li aħna sirna nafuha bħala t-Trade Fair u li marret fil-ġonna ta' Villa Parisio fin-Naxxar. Biex il-Posta tfakkar għeluq l-għaxar snin tal-fiera, fis-16 ta' Ġunju 1966 ħarġet tliet bolol b'disinn astratt minn Emvin Cremona. Dawn kienu taż-2d, tat-8d u taż-2/6d.

Fl-istess sena ħareġ it-tielet sett tal-Milied tas-sold (1d), ta' l-4d u tax-1/3d.

## IL-25 ANNIVERSARJU TAL-GEORGE CROSS

Fit tieni gwerra dinjija l pożizzjoni strateġika ta' Malta fiċ-ċentru tal-Mediterran kienet ta' importanza kbira għaż-żewġ naħat. Minħabba l-attakki mill-ajru mill-Ġermaniżi u t-Taljani, il-Maltin kienu jqattgħu ljieli sħaħ fix-xelters imħaffra fil-blat jew taħt l-art. Sa Ottubru 1942 kienu mietu 1,300 nies ċivili filwaqt




li 1,600 oħra kienu feruti serjament. Iktar minn 26,000 dar ġew meqruda jew saritilhom ħsara kbira. Fil-15 ta' April 1942 ir-Re Ġorġ VI ta' l-Ingilterra ried juri r-rikonoxximent tiegħu għall-qlubija li wrew il Maltin billi ta l midalja tal George Cross lill-poplu Malti – l-unika okkażjoni li l-midalja qatt ngħatat lil pajjiż. Iċ-ċerimonja saret f'Misraħ il-Palazz fil-belt Valletta fit-13 ta' Settembru 1942 meta l-Imħallef Anzjan Sir George Borg ngħata l-midalja li bdiet tidher fil-bandiera Maltija. Huma tlieta l-bolol li nħarġu bl-istess disinn fl-1 ta' Marzu 1967. •

***Jekk trid tirċievi 50 bolla differenti ta' Malta jew 100 bolla differenti ta' barra ibgħat 8 bolol ġodda tad-€0.9ċ f'dan l-indirizz: 11, Triq il-Gladjoli, San Ġwann.***

## KOMPETIZZJONI BOLOL TA' MALTA

1. **Liema Malti jidher f'waħda mill-bolol ta' llum?**
2. **Liema sett ta' bolol juri disinn astratt tal-pittur?**
3. **Xi jfakkar is-sett ta' bolol tal-George Cross?**

**Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni ta' Novembru kienu:**

1. **Monica Debarro, 3, Family Flats/1, Triq Nuzzo, Hamrun HMR1910**
2. **Lawrence Gatt, Blk 1/3, Triq San Filippu, Vittoriosa BRG1402**
3. **Jane Scicluna, 50, Triq Desalpina, Ta' Paris, Birkirkara BKR4444**

Il-premjijiet se jingħataw ġentilment mill-Maltapost plc. It-tweġibiet għandhom jintbagħtu lili f'dan l-indirizz: Kompetizzjoni **Bolol ta' Malta, 11, Triq il-Gladjoli, San Ġwann SGN 1370.**

## LIMERIKKI

*minn Tony C Cutajar*

### L-GĦALLIEM

Komdi w qosra tax-xogħol il-jiem,
xejn tbatija – l-għira tal-ħaddiem!
vaganzi mhux bil-ftit,
dejjem liebes pulit;
Ħadd ma bidel xogħlu w sar għalliem!

# IL-KARNIVAL REĠA' MAGĦNA

**Kav Joe M Attard – Victoria, Għawdex**

Tafu illi reġgħu magħna
tifkiriet il-Karnival!
imma tgħid veru li jgħidu
li mill-ġdid insiru tfal!

Ħafna jħobbu jagħmlu bħali
u jxiddu l-kostum
għax jgħidulek din il-ħaġa
le ma nagħmlu ta' kuljum.

U fit-Tokk jidħlu jiġġennu
u jitbellħu bla waqfien;
ħadd mhu sejjer ikellimhom
għalhekk jiġi dan iż-żmien!

L-importanti ħaġa waħda;
illi waqt li niddevertu
ma nagħtux lil ħadd fastidju!
fit-tbaħrid bl-addoċċ ninxteħtu.

Niesna tħobb timla l-enclosure
ħalli tara l-Isfilata;
fil-but idha dlonk iddaħħal
biex idduq il-Prinjolata.

Tħalli wkoll ir-Rabat tagħna
u iddur dawra fl-irħula;
tal-liżar erħilhom jiġru
u jduru dlonk ma' djulha!

Ġie li ssir anki l-Kukkanja
u ma' l-arblu lkoll nixxabbtu
sabiex nirbħu dak il-premju
ħallina ħa nikkumbattu!

F'San Lawrenz u ġewwa x-Xagħra
ġie li ssir il-Kumittiva;
bil-kostum, b'żifniet wisq ħelwa
u bil-koppji ferm attiva.

Fin-Nadur Karnival qawwi
Karnival tassew spontanju
għal kulħadd hemm dak l-ispazju
kemm għal iblaħ, kemm għal ġenju!

Issa l-waqt li niddevertu
għax wara dal-ferħ mundan
dlonk ifeġġu, jiġu fuqna
il-jiem iebsa tar-Randan!

# ROKNA GĦAT-TFAL

## Aqta' Min

1. Wieħed minn ħut Neħemija. (Neħ 1,2)
2. Kien iħallat il-fwejjaħ. (Neħ 3,8)
3. Iddieħek bil-Lhud u saħan mhux ftit. (Neħ 3,33)
4. Kien bniedem sewwa u mimli karità. (Tob 1,3)
5. Din kient twissi lil Tobit. (Tob 1,8)
6. Min kienu mart u iben Tobit? (Tob 2,1)
7. Sultan imsemmi ta' l-Assiri. (Ġdt 1,1)
8. Il-ġeneral kmandant ta' l-eżerċtu. (Ġdt 2,4)
9. Kien il-qassis il-kbir li mexxi lill-poplu. (Ġdt 4,6-8)
10. Ħolom ħolma bid draguni. (Est A,1.5)
11. Kien isaltan mill-Indja sa l-Etjopja. (Est 1,1)
12. Tneħħiet minn sultana għax ma obditex. (Est 1,12)

**Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslulna mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar.**

Indirizzaw it-tweġiba tagħkom hekk:
**ROKNA GĦAT-TFAL, Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini Floriana FRN 1211.**

**Ir-Rebbieħ ta' Jannar 08 huwa: Gabriel Micallef minn San Ġwann Nifirħulek!**

# TISLIBA - 78



1. Denji ta' din. (2 tess 1,11) **(5)**
2. Iżda ħeles lil dawn. (Eż 12,27) **(6)**
3. Hekk tkun għalina. (Num 10,31) **(5)**
4. Dawn tad-dwieli u taż-żebbuġ. (Ġoż 24,13) **(5)**
5. Isem ta' wied. (Għam 1,5) **(4)**
6. Għandek... tgħid. (Mk 12,32) **(5)**
7. ...inqumu kontrieh. (Għabd 1) **(5)**
8. Li għandu l-*ħila* jħariskom. (Ġuda 24) **(5)**
9. In-nannu ta' Besalel. (2 Kron 1,5) **(3)**
10. Imsejjaħ hekk ix-xitan. (Apk 12,9) **(7)**
11. u 12. Jirtuha l foqra u min iħobbu. (Ġak 2,5) **(6)**
13. Hemm in-nasha ta' dan. (Hos 9,8) **(6)**
14. Ngħaddi din ħemmhekk. (Tit 3,12) **(5)**
15. Hekk jagħmlu ż-żwiemel. (Naħ 2,4) **(5)**
16. U *għamilt* il-purtinara. Neħ 7,1) **(5)**
17. Permezz ta' l-għekiesi u ta' dan. (Kol 2,19) **(5)**
18. Sar sultan ta' erbgħin sena. (2 Sam 2,10) **(7)**
19. Mhux... minħabba Ġesù. (Ġw 12,9) **(4)**
20. Ta' hawn u Okina. (Ġdt 2,28) **(3)**
21. It-tluq tiegħi *fil-qrib.* (2 Tim 4,6) **(5)**
22. Saċerdozju... (1 Pt 2,9) **(5)**

**RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' JANNAR 08:**

***1. Ħmira; 2. Eġittu; 3. Ħajti; 4. Ħolma; 5. Mitt; 6. Ħanut; 7. Miġja; 8. Onija; 9. Rat; 10. Timotju; 11. u 12. Fuħħar; 13. Apollo; 14. Ħarsu; 15. Ħdanu; 16. Ġusti; 17. Immot; 18. Assedju; 19. Sidi; 20. Omm; 21. Sidon; 22. Telqu.***

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz:* ***Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN 1211***

**Ir-Rebbieħa ta' Jannar 08 hija: Connie Attard Bason minn Pietà. Nifirħulek!**

# L-ARGUMENT FAVUR IS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL (4)



**Biżżejjed ngħidu li Malta kienet kolonja Ingliża għal iktar minn 150 sena u allura l-biċċa l-kbira tal-liġijiet applikabbli għaċ-ċittadini Maltin kienu msejsa fuq dawk ta' l-imperu Ingliż.**

## L-INGILTERRA U R-REVOLUZZJONI INDUSTRIJALI

Mal-miġja tar-Revoluzzjoni Industrijali fl-Ingilterra, li ġabet magħha l-fabbriki mostrużi, inġenji u apparat perikolużi kif ukoll kundizzjonijiet mill-agħar għall-ħaddiema rġiel, nisa u tfal, l-awtoritajiet raw il-ħtieġa għall-ħolqien ta' regolamenti biex dawn is-sidien tal-fabbriki u industriji oħrajn (bħall-minjieri tal-faħam) jibdew jagħtu ftit każ tas-saħħa u s-sigurtà ta' dawn in-nies sfruttati. U b'hekk għaddew l-ewwel f'sensiela ta' liġijiet mill-Parlament Ingliż għal dan il-għan.

## SNIN ILU F'MALTA

Fost l-ewwel referenzi li nsibu f'Malta dwar s-saħħa u s-sigurtà fis-seklu dsatax hi waħda minn ċertu professur Zammit li fl-1888 kiteb dwar il-perikli ffaċċjati minn ħaddiema li jaħdmu fl għoli, oħrajn esposti għas-sħana u r-raġġi tax-xemx, speċjalment fis-sajf, u n-nuqqas ta' taħriġ.

Fl 1926 kien ippubblikat l-Att li Jirregola l-Fabbriki u li kien intiż biex jipproteġi d-drittijiet ta' ħaddiema nisa u żgħażagħ kif ukoll biex jirregola l-kundizzjonijiet ġenerali ta' mpjieg f'dawn il-fabbriki. Erbatax-il sena wara, dan l-Att, li għal xi raġuni qatt ma ġie nforzat, tneħħa u minfloku daħret liġi iktar dettaljata, ġusta u effettiva: Ordinanza Nru Għaxra ta' l-1940: l-Ordinanza tal-Fabbriki. Ta' min jgħid hawn li l-kelma "ordinanza" tirreferi għal-liġijiet magħmula mill-Ingilterra għall-kolonji tagħha. Minn din l-Ordinanza ħarġu numru mhux ħażin ta' liġijiet supplimentari oħra (inkella avviżi legali) li l-ismijiet ta' xi wħud jidhru hawn taħt bl-Ingliż – ftit jew wisq diffiċli biex taqlibhom għall-Malti b'mod ċar:

- Woodworking Machinery Regulations, 1949
- Night Work by Women, Regulations, 1952
- Docks Safety Regulations, 1953
- Superintendence and Control of Plant Regulations, 1954

## ILLUM

Il-Gvern Ingliż fl-1974 ippubblika l-Att dwar is-Sigurtà Fuq il-Post tax-Xogħol – liġi revoluzzjonarja li tefgħet ir-responsabbiltà għall-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà fuq min iħaddem. Liġi simili twieldet hawn Malta għoxrin sena wara fil-forma ta' l-Att (nru VII) għall-Promozzjoni tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. Issa l-Unjoni Ewropea titlob li, f'ħafna oqsma importanti fosthom is-saħħa u s-sigurtà, il-liġijiet tal-membri tagħha jkunu konformi mad-direttivi ta' l-istess Unjoni. Allura, fis-sena 2000, il-Parlament Malti approva l-Att nru XXVII li permezz tiegħu twaqqfet l-ewwel Awtorità f'pajjiżna għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. L-istess bħall-Att nru VII, minn din il-liġi faqqsu numru ta' regolamenti jew avviżi legali li jitkellmu fuq l-aspetti kollha tas-saħħa u s-sigurtà fuq id-diversi postijiet tax-xogħol, fosthom il-perikli, ir-responsabbiltajiet ta' min iħaddem u l-miżuri preventivi li dan ta' l-aħħar jrid iħaddan.

Għal min hu interessat, l-Att XXVII flimkien ma' l-Avviżi Legali kollha li ħarġu minnu jinsabu, kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż, fuq il-websajt ta' l-Awtorità: **www.ohsa.org.mt** •




**BORŻA TA' STUDJU** hija offerta ġeneruża ta' Lm250 li tmur għall ispejjeż tas seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin iħejju lilhom infushom biex isiru reliġjużi u saċerdoti Kapuċċini.

Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit.

Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**P. Crispin Tabone OFMCap,**
**Segretarju tal-Missjoni, Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana**

**Tel: 2123 3874, 2123 4949, 2122 5525.**

## TIĠDID TA' L-ABBONAMENT FIR-RIVISTA DAWL FRANĠISKAN

Rivista ta' kull xahar fejn, barra tagħrif fuq il-Franġiskani Kapuċċini, il-Missjoni, l-Ordni Franġiskan Sekular, Inwasslu tagħrif u tagħlim ieħor li jolqot: il-familja, żgħażagħ u diversi aspetti oħra tal-ħajja.

**DAWL FRANĠISKAN** Jasallek id-dar bil-posta kull xahar.
Imla l formula t'hawn taħt u ibgħatha flimkien ma' €9.32 (Lm4.00) f'dan l-indirizz:
***Amministrazzjoni Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Triq F.X. Fenech, Floriana FRN 1211***

Jiena ..........................................................

li noqgħod ..........................................................

Kodiċi Postali .............................. Tel ..............................

***Qed nibgħat l-offerta ta' €9.32 (Lm4.00) bħala abbonament għal sena fir rivista DAWL FRANĠISKAN.***